# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 3**

**Rikors Maħluf Numru 1077/2019 NC**

**SBERBANK, soċjeta' estera reġistrata fil-Federazzjoni Russa bin-numru ta' reġistrazzjoni 1027700132195 u uffiċċju reġistrat 19, Triq Vavilova, Moska, 117997 kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino (K.I. 441061M)**

**vs.**

**Palmali International Holding Two Company Limited (C49298);**

**Palmali International Holding Company Limited (C40887);**

**Palmali Logistics Company Limited (C74200);**

**Palriver Shipping Limited (C36426);**

**Palocean Shipping Limited (C36427);**

**Palsea Shipping Limited (C36421);**

**Armada Holding Two Company Limited (C48213);**

**Pal Bulk Holding Company Limited (C64061);**

**Pal Tanker Holding Company Limited (C64062);**

**Palmali Dry Cargo Holding Company Limited (C36891);**

**Palmali Voyager Holding Company Limited (C36889);**

**Pal Holding Company Limited (C37282);**

**IGM Holding Company Limited (C33995);**

**Marine Holding Company Limited (C36893);**

**B'digriet tas-6 ta' Diċembru 2019 ġiet revokata l-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta' estera GUNESLI DENIZ TASIMACILIGI SANAYI VE TICARET ANONIM SIRKETI, soċjeta' reġistrata fit-Turkija bin-numru uffiċċjali 822733 stante li b'Nota tal-25 ta' Novembru 2019 Amin Sharabiany iddikjara li huwa l-mandatarju speċjali tal-istess;**

**B'digriet tas-6 ta' Diċembru 2019 ġiet revokata l-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta' estera**

**Palmali Holding Anonim Sirketi, soċjeta' reġistrata fit-Turkija bin-numru uffiċjali 140510-5 stante li b'Nota tal-25 ta' Novembru 2019 Amin Sharabiany iddikjara li huwa l-mandatarju speċjali tal-istess;**

**B'digriet tas-6 ta' Diċembru 2019 ġiet revokata l-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti MUBARIZ MANSIMOV (Passaport Numru C00575555) stante li b'Nota tal-25 ta' Novembru 2019 Amin Sharabiany iddikjara li huwa l-mandatarju speċjali tal-istess;**

**u**

**Palmali Holding Company Limited (C34440) ghal kull interess li jista' jkollha**

Illum 10 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-bank esteru Sberbank kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali l-Avukat Louis Cassar Pullicino fit-8 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 1 *et seq.)* li jgħid hekk:

> *"1. Illi l-Bank attur ("SBERBANK") avvanza flus b'titolu ta' self permezz ta' erba' Loan Agreements lil żewġ kumpanniji Russi u ċioè lil Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u in kawtela tal-obbligi assunti minn dawn l-istess kumpanniji u tar-restituzzjoni tal-ammonti avvanzati b'dan is-self, is-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Company Limited ("PHL") ikkostitwiet ruħha bħala*

*garanti tad-dejn a favur ta' SBERBANK u dan permezz ta' Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016;*

*2. Illi dina l-garanzija ġiet aċċettata minn SBERBANK għaliex kien konsapevoli illi PHL kellha diversi kumpanniji sussidjarji oħra li joperaw fil-kamp marittimu u li indirettament kellha diversi bastimenti u liema kumpanniji sussidjarji kienu jinkludu lill-konvenuti Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited, Palmali Logistics Company Limited, Palriver Shipping Limited, Palocean Shipping Limited u Palsea Shipping Limited, liema kumpanniji minn hawn 'il quddiem u kollettivament ser isir riferenza għalihom bħala s-"Sussiddjarji Diretti" ta' PHL;*

*3. Illi s-Sussiddjarji Diretti da parti tagħhom kellhom sussiddjarji oħra tagħhom u ċioè il-kumpanniji konvenuti l-oħra Armada Holding Two Company Limited, Pal Bulk Holding Company Limited, Pal Tanker Holding Company Limited, Palmali Dry Cargo Holding Company Limited, Palmali Voyager Holding Company Limited, Pal Holding Company Limited, IGM Holding Company Limited u Marine Holding Company Limited, liema kumpanniji minn hawn 'il quddiem u kollettivament ser issir riferenza għalihom bħala s-"Sussiddjarji Indiretti" ta' PHL;*

*4. Illi a bażi tal-premess u meta ingħatat il-garanzija minn PHL lil SBERBANK, kien ben risaput illi l-patrimonju dirett u indirett ta' l-istess garanti PHL kien wieħed sod u sostanzjali;*

*5. Illi in kawtela tal-obbligi assunti miż-żewġ entitajiet Russi hawn fuq indikati għar-restituzzjoni tas-self avvanzat, SBERBANK ottjena ukoll garanzija personali minn Mubarzi Mansimov, Palmali Gemi Hizmetleri ve Acentelik A.S (susidjarja Torka ta' PHL) kif ukoll l-iskrizzjoni ta' sebgħa u erbgħin (47) ipoteka navali fir-reġistru marittimu tal-Federazzjoni Russa fuq bastimenti li jappartjenu liż-żewġ entitajiet indikati li ħadu dan is-self u ċioè Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited;*

*6. Illi eventwalment id-debituri prinċipali li ngħatalhom is-self hawn fuq indikat ma ħallsux l-ammont minnhom dovut lil*

*SBERBANK entro t-terminu pattwit fil-kuntratti ta' self u in segwitu SBERBANK dar fuq il-garanti PHL sabiex din tal-aħħar tħallas id-dejn garantit minnha, liema dejn kien jammonta għal US$194,007,876.01 għal dejn prinċipali oltre imgħaxijiet relattivi, liema dejn pero' baqa' ma ġiex saldat la mid-debituri prinċipali u lanqas mill-garanti inkluż PHL;*

*7. Illi konsegwentement SBERBANK ipproċeda sabiex jirkupra l-kreditu dovut billi fl-ewwel lok u preċiżament fis-6 ta' April 2018 talab u ottjena l-ħruġ ta' mandati kawtelatorji minn dina l-Qorti u ċioè mandat ta' sekwestru numru 550/2018 kif ukoll mandat ta' qbid numru 551/2018 li permezz tiegħu ġew maqbuda l-ishma appartenenti lil PHL fil-kumpanniji Sussidjarji Diretti tagħha; in segwitu u fis-16 ta' April 2018 SBERBANK issokta bil-ftuħ ta' proċeduri arbitrali ġewwa Londra a tenur tal-Arbitration Rules of the London Court of International Arbitration u dan a tenur tal-klawsola arbitrali pattwita bejn SBERBANK u PHL fil-Guaranty and Indemnity Agreement, liema proċeduri għadhom pendenti. PHL qegħda tikkontesta t-talbiet u pretensjonijiet ta' SBERBANK f'dan l-arbitraġġ iżda SBERBANK tikkontendi illi d-difiża u l-eċċezzjonijiet sollevati minn PHL f'tentattiv li tirreżisti t-talbiet ta' SBERBANK huma għal kollox infondati u qegħda taġixxi in mala fede;*

*8. Illi dawn il-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra jinsabu fi stadju avvanzat tant li ftit ġimgħat ilu intemmet it-trattazzjoni kemm bil-miktub kif ukoll orali u mistenni jingħata l-lodo arbitrali lejn l-aħħar tas-sena kurrenti;*

*9. Illi fil-kors tal-proċeduri arbitrali, ġie a konjizzjoni ta' SBERBANK illi proprju fid-19 ta' April 2018, fis-27 ta' April 2018 u fit-3 ta' Mejju 2018, f'kull każ ftit jiem wara l-ħruġ tal-mandati kawtelatorji u l-ftuħ tal-proċeduri arbitrali, liema proċeduri kienu del resto ġja notifikati lil PHL, saru trasferimenti tal-ishma kollha fil-kumpanniji Sussidjarji Indiretti mill-kumpanniji Sussiddjarji Diretti, liema trasferiment ta' ishma sar a favur tal-kumpannija konvenuta reġistrata ġewwa t-Turkija u magħrufa bħala Gunesli Denizcilik Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi ("GUNESLI"), kumpannija mwaqqfa fl-2012 u appartenenti lil Mubariz Mansimov u li huwa ukoll l-*

*ultimate beneficial owner ta' PHL. B'hekk ġie deċimat bil-kbir il-patrimonju tal-garanti PHL;*

*10. Illi sussegwenetement fil-21 ta' Mejju 2018, l-istess Mubariz Mansimov waqqaf u rreġistra kumpannija oħra ġewwa t-Turkija bl-isem Palmali Holding Anonim Sirketi ("Palmali AS") f'liema kumpannija l-istess Mubariz Mansimov għandu l-ishma kollha f'ismu. Palmali AS min-naħa tagħha akkwistat f'isimha l-ishma kollha fil-kumpannija konvenuta GUNESLI;*

*11. Illi t-trasferiment tal-ishma appartenenti lill-kumpanniji Sussidjarji Diretti fil-kumpanniji Sussidjarji Indiretti sar proprju ftit ġranet biss wara li SBERBANK ipproċeda legalment kemm quddiem dina l-Onorabbli Qorti bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji kif ukoll bil-proċeduri arbitrali ġewwa Londra fi żmien għalhekk meta kien evidenti illi kien hemm tilwima bejn SBERBANK u PHL b'mod għalhekk illi dan it-trasferiment ta' ishma jirriżulta bl-aktar mod lampanti li ma huwa xejn anqas minn trasferiment qarrieqi u frawdolenti intiż biss sabiex PHL u l-kumpanniji Sussidjarji Diretti tagħha isofru minn diminuzzjoni fil-patrimonju rispettiv tagħhom bi preġudizzju ovvju għad-drittijiet ta' SBERBANK f'każ ta' eżitu favorevoli għalih fil-proċeduri ta' arbitraġġ hawn fuq imsemmija;*

*12. Illi fuq kollox jirriżulta illi t-trasferiment ta' dawn l-ishma sar a favur ta' kumpannija Torka ossia GUNESLI, liema kumpannija tappartjeni mija fil-mija (100%) lil Palmali SA, kumpannija li da parti tagħha tappartjeni lil ħadd iżjed ħlief Mubariz Mansimov, li huwa ukoll s-sid tal-ishma kollha f'PHL;*

*13. Illi Mubariz Mansimov huwa l-uniku direttur ta' PHL, tas-Sussidjarji Diretti u tas-Sussidjarji Indiretti u ta struzzjonijiet sabiex jitwettqu t-trasferiment tal-ishma fil-kumpanniji Sussidjarji Indiretti a favur ta' GUNESLI;*

*14. Illi fuq kollox u bħallikieku t-trasferiment tal-ishma hawn fuq imsemmija ma kienx biżżejjed, jirriżulta ukoll illi ħamsa u tletin bastiment reġistrat fir-reġistru marittimu ta' Malta li kienu jappartjenu lill-kumpanniji Sussidjari Indiretti b'mod indirett wkoll ġew trasferiti b'mod li inqalgħu mill-pussess indirett ta'*

*PHL u daħlu fil-pussess indirett ta' GUNESLI, dan kollu kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-kors tal-kawża;*

*15. Illi fis-16 ta' Jannar 2019 PHL biddlet l-indirizz uffiċċjali tagħha għall-indirizz ta' Axeria Business Centre, 380, Level 3, Canon Road, Santa Venera SVR 9033 iżda naqset li tinforma b'dan lit-tribunal li kien qed jikkonduċi l-arbitraġġ ġewwa Londra u dan f'tentattiv ovvju sabiex ifixkel jew itawwal kwalunkwe proċess li seta' jirrikjedi notifika formali u/jew eżekuzzjoni eventwali tal-lodo arbitrali fil-konfront ta' PHL;*

*16. Illi di piu' matul il-perjodu bejn Jannar u Marzu tal-2019, aktar minn ħamsa u sittin (56) kumpannija formanti parti mill-grupp Palmali, fosthom il-kumpanniji Sussidjarji Diretti u Sussidjarji Indiretti, bidlu wkoll l-uffiċċju reġistrat tagħhom minn Villa Aurora, 14-16, Princess Elisabeth Street, Ta' Xbiex XBX 1102 għal Axeria Business Centre, 380 Level 3, Canon Road, Santa Venera SVR 9033;*

*17. Illi mill-premess jidher ċar illi l-aġir ta' PHL u tal-kumpanniji Sussidjarji Diretti flimkien u ħaġa waħda mal-konvenuti l-oħra kollha kien maħsub biex jeludi il-kreditu ta' SBERBANK, liema aġir għandu jitqies bħala wieħed in mala fede, illeċitu u frawdolenti, maħsub biex jinganna u b'hekk jiddanneġġja lil SBERBANK fit-tentattivi leġittimi tiegħu li jirkupra d-dejn dovut kif garanti minn PHL;*

*18. Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija kostanti fis-sens illi fejn tirriżulta l-mala fede, in-nuqqas ta' imġieba korretta jekk mhux saħansitra l-frodi, inkluż komportament skorrett jew frawdolenti bl-użu ta' kumpannija jew entita' ġuridika oħra, ma għandhiex tħalli lil min jaħti ta' dan l-aġir skorrett jieħu vantaġġ mill-male fede tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-"bona fides" u l-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunita mill-prinċipju tal-"fraus omnia corrumpit" bil-konsegwenza logika għalhekk illi jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-"mala fides" huwa meħtieġ illi l-Qorti fuq bażi eċċezzjonali u għaliex fattwalment jeżistu tali raġunijiet eċċezzjonali derivanti minn frodi, tipprexxindi mill-personalita' ġuridika separata ta' persuna morali, il-Qorti għandha tkun lesta li tieħu dan il-pass;*

*19. Illi d-debituri prinċipali tas-self avvanzat minn SBERBANK ġew dikjarati fi stat ta' falliment mill-Qorti ġewwa l-Federazzjoni Russa u għalkemm SBERBANK tgawdi minn drittijiet ta' preferenza, huwa ċar illi l-assi appartenenti lill-patrimonjju ta' dan il-proċess ta' falliment mhuwiex ser ikun biżżejjed sabiex l-istess SBERBANK jirkupra d-dejn kollu anke jekk sa issa għadha ma saret l-ebda distribuzzjoni lill-kredituri fl-imsemmi proċess ta' fallimenti;*

*20. Illi l-konsegwenza tal-premess iwassal sabiex jirrendi lill-konvenuti kollha jew min minnhom responsabbli direttament u personalment fil-konfront ta' SBERBANK, liema responsabilita' testendi għad-dejn dovut minn PHL lil SBERBANK. Għal kull buon fini jiġi premess illi PHL qed tiġi mħarrka f'dawn il-proċeduri kemm għall-integrita tal-ġudizzju kif ukoll għal sejba ta' responsabilita' awtonoma u indipendenti mir-responsabilita' tagħha kuntrattwali a tenur tal-Guaranty and Indemnity Agreement u liema responsabilita' tifforma l-mertu tal-proċeduri arbitrali pendenti ġewwa Londra. Għalhekk dawn il-proċeduri huma għal kollox awtonomi u distinti mit-talbiet ġja dedotti fil-konfront ta' PHL u pendenti fl-arbitraġġ ġewwa Londra;*

*Għar-raġunijiet kollha premessi u prevja kull dikkjarazzjoni opportuna, jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:-*

*1. Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti kollha jew min minnhom kien wieħed abbusiv u/jew illeċitu u/jew in mala fede u/jew qarrieqi u li minnu, direttament jew indirettament ibbenefikaw l-istess konvenuti u/jew Palmali Holding Company Limited, u li tali abbuż u/jew komparteċipazzjoni fl-istess sar a dannu ta' SBERBANK u konsegwentement il-konvenuti jew min minnhom iżda bl-esklużjoni ta' Palmali Holding Company Limited huma solidalment jew mod ieħor fil-liġi, direttament responsabbli versu SBERBANK għal kull ammont dovut jew li jiġi determinat li huwa dovut lil SBERBANK minn Palmali Holding Company Limited ai termini tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali assunti minn Palmali Holding Company Limited fil-konfront ta' SBERBANK u dan għaliex jeżistu fil-liġi l-estremitajiet għall-*

*eċċezzjoni lill-prinċipju ta' personalita' ġuridika distinta in kwantu tali prinċipju ġie manifestament abbużat;*

*2. Tordna konsegwentement u għall-istess raġunijiet li l-ammont stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-ewwel talba flimkien mal-imgħaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv għandha titħallas ukoll mill-konvenuti kollha salv u esklużż mis-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Company Limited, u dan solidalment jew mod ieħor kif jidhrilha din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti kollha jew ta' min minnhom kawża tal-istess raġunijiet premessi kkawża danni inġenti lill-SBERBANK u filwaqt li tillikwida tali danni fl-ammont li jiġi ppruvat f'din il-kawża, tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex solidalment jew mod ieħor bejniethom iħallsu d-danni hekk likwidati; u*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetajiet konvenuti Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited ippreżentata fit-12 ta' Frar 2020 (*a fol.* 125 *et seq.*) fejn jingħad hekk:

*"1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza fil-konfront tas-soċjetajiet esponenti stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taħt il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 li allegatament ġiet mogħtija mis-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta' arbitraġġ li fost affarijiet oħra tirrikjedi li <u>kull kwistjoni</u> marbuta ma' jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement għandha tiġi ddeterminata bil-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li għandha tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza għandha tiġi applikata l-liġi Ingliża bħala l-liġi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawżola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, s-soċjetajiet esponenti qegħdin jikkontestaw bis-saħħa t-talbiet attriċi kollha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qeghdin jirrespinġu kull allegazzjoni ta' frodi u/jew abbuż u/jew ta' agir illegali u/jew male fede stante li huma dejjem agixxew fil-parametri tal-liġi u għal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-liġi.*

*4. Illi s-soċjetajiet esponenti dejjem eserċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi u b'hekk ma jistawx ikunu responsabbli għal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili.*

*5. Illi f'dan il-kuntest, ġjaladarba li fiż-żmien illi s-soċjeta' rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta' self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiż-żmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta' garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew ħadu xi rahan fuq l-istess ishma, is-soċjetajiet ntimati aġixxew fil-limiti tad-drittjiet tagħhom u skond il-liġi u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tipprova teżerċita drittijiet jew tieħu l-benefiċċju ta' drittijiet li ma rriżervatx għaliha fiż-żmien opportun.*

*6. Illi subordinarjament u bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikorrenti trid tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe aġir tas-soċjetajiet esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeċiti u/jew in*

*mala fede u/jew qarrieqa jew b'kompartecipazzjoni fl-istess hekk kif qed jiġi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*7. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew aġir abbusiv illi qed tallega, s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha mogħtija lilha u li għadha tgawdi l-benefiċċju tagħhom, inkluż l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba' u erbgħin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji oħra ma huwiex suffiċjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta' rikorrenti.*

*8. Illi di piu' s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova l-bażi tal-pretensjoni tagħha fir-rigward ta' kif is-soċjetajiet esponenti b'xi mod ibbenifikaw ruħhom skont kif l-istess soċjeta' rikorrenti qegħda ssostni fir-rikors promotur.*

*9. Illi in oltre u in ogni caso, s-soċjeta' rikorrenti għandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-soċjetajiet esponenti kif ukoll (iii) iġġib il-prova meħtieġa skont il-liġi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikularment in vista tal-fatt li s-soċjeta' rikorrenti qegħda preżentement tenforza l-pretenzjonijiet tagħha kontra l-patrimonju tad-debituri prinċipali tagħha, liema patrimonju għandu jkopri d-djun tagħha jew parti sostanzjali minnhom.*

*10. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Company Limited ippreżentata fit-12 ta' Frar 2020 (*a fol.* 132 *et seq.*) li tgħid hekk:

*"1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina*

*l-vertenza stante li jeżisti ftehim ta' arbitraġġ iffirmat bejn il-partijiet li jikkontempla, fost affarijiet oħra d-determinazzjoni bil-proċedura ta' arbitraġġ ġewwa Londra ta' kull kwistjoni marbuta ma' jew in konessjoni mall-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016, u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li għandha tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza għandha tiġi applikata l-liġi Ingliża bħala l-ligi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawżola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*3. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju, s-soċjeta' esponenti qegħda tecepixxi wkoll in-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjeta' rikorrenti sabiex tipproponi l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-istess soċjeta' esponenti stante li hija espressament eskluża mit-talbiet mressqin mis-soċjeta' rikorrenti stess u kif ammess mis-soċjeta' rikorrenti stess l-istess soċjeta' esponenti ma għamlet ebda mit-trasferimenti ta' ishma jew assi allegati.*

*4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, s-soċjeta' esponenti qegħda tikkontesta bis-saħħa t-talbiet attriċi kollha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qegħda tirrespinġi kull allegazzjoni ta' frodi u/jew abbuż u/jew ta' agir illegali u/jew male fede stante li hija dejjem aġixxiet fil-parametri tal-liġi u għal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-liġi.*

*5. Illi s-soċjeta' esponenti dejjem eżerċitat id-drittijiet tagħha skont il-liġi u b'hekk ma tistax tkun responsabbli għal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili.*

*6. Illi f'dan il-kuntest, ġaladarba li fiż-żmien illi s-soċjeta' rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta' self mall-kumpanniji Palmali*

*Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiż-żmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta' garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew ħadu xi rahan fuq l-istess ishma, s-soċjetajiet ntimati aġixxew fil-limiti tad-drittjiet tagħhom u skont il-liġi u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tipprova teżerċita drittijiet jew tieħu l-benefiċċju ta' drittijiet li ma rriżervatx għaliha fiż-żmien opportun.*

*7. Illi subordinarjament u bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikorrenti trid tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe aġir tas-soċjeta' esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeċiti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b'komparteċipazzjoni fl-istess hekk kif qed jiġi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*8. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew aġir abbusiv illi qed tallega, s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha mogħtija lilha u li għadha tgawdi l-benefiċċju tagħhom, inkluż l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba' u erbgħin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji oħra ma huwiex suffiċjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta' rikorrenti.*

*9. Illi di piu' s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova l-bażi tal-pretensjoni tagħha fir-rigward ta' kif is-soċjeta' esponenti b'xi mod ibbenifikat ruħha skont kif l-istess soċjeta' rikorrenti qegħda ssostni fir-rikors promotur.*

*10. Illi in oltre u in ogni caso, s-soċjeta' rikorrenti għandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-soċjetajiet esponenti kif ukoll (iii) iġġib il-prova meħtieġa skont il-liġi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-soċjeta' rikorrenti qegħda preżentement tenforza l-pretenzjonijiet tagħha kontra l-patrimonju tad-debituri prinċipali tagħha, liema patrimonju għandu jkopri d-djun tagħha jew parti sostanzjali minnhom.*

*11. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetajiet konvenuti Armada Holding Two Company Limited, Pal Bulk Holding Company Limited, Pal Tanker Holding Company Limited, Palmali Dry Cargo Holding Company Limited, Palmali Voyager Holding Company Limited, Pal Holding Company Limited, IGM Holding Company Limited u Marine Holding Company Limited ippreżentata fit-12 ta' Frar 2020 (*a fol.* 139 *et seq.*) fejn jingħad hekk:

*"1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza fil-konfront tas-soċjetajiet esponenti stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taħt il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 li allegatament ġiet mogħtija mis-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta' arbitraġġ li fost affarijiet oħra tirrikjedi li <u>kull kwistjoni</u> marbuta ma' jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement għandha tiġi ddeterminata bil-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li għandha tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza għandha tiġi applikata l-liġi Ingliża bħala l-ligi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawżola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, s-soċjetajiet esponenti qegħdin jikkontestaw bis-saħħa t-talbiet attriċi kollha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qegħdin jirrespinġu kull allegazzjoni ta' frodi u/jew abbuż u/jew ta' agir illegali u/jew male fede stante li huma dejjem agixxew fil-parametri tal-liġi u għal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-liġi.*

*4. Illi s-soċjetajiet esponenti dejjem eżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi u b'hekk ma jistawx ikunu responsabbli għal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili*

*5. Illi f'dan il-kuntest, ġjaladarba li fiż-żmien illi s-soċjeta' rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta' self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiż-żmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta' garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew ħadu xi rahan fuq l-istess ishma, s-soċjetajiet ntimati aġixxew fil-limiti tad-drittjiet tagħhom u skont il-liġi u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tipprova teżerċita drittijiet jew tieħu l-benefiċċju ta' drittijiet li ma rriżervatx għaliha fiż-żmien opportun.*

*6. Illi subordinarjament u bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikorrenti trid tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe aġir tas-soċjetajiet esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeċiti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b'komparteċipazzjoni fl-istess hekk kif qed jiġi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*7. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew aġir abbusiv illi qed tallega, s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha mogħtija lilha u li għadha tgawdi l-benefiċċju tagħhom, inkluż l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba' u erbgħin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji oħra ma huwiex suffiċjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta' rikorrenti.*

*8. Illi di piu' s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova l-bażi tal-pretensjoni tagħha fir-rigward ta' kif is-soċjetajiet esponenti b'xi mod ibbenifikaw ruħhom skont kif l-istess soċjeta' rikorrenti qegħda ssostni fir-rikors promotur.*

*9. Illi in oltre u in ogni caso, s-soċjeta' rikorrenti għandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-soċjetajiet esponenti kif ukoll (iii) iġġib il-prova meħtieġa skont il-liġi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-soċjeta' rikorrenti qegħda preżentement tenforza l-pretenzjonijiet tagħha kontra l-patrimonju tad-debituri prinċipali tagħha, liema patrimonju għandu jkopri d-djun tagħha jew parti sostanzjali minnhom.*

*10. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetajiet konvenuti Palriver Shipping Limited, Palocean Shipping Limited u Palsea Shipping Limited ippreżentata fit-12 ta' Frar 2020 (*a fol.* 145 *et seq.)* fejn jingħad hekk:

*"1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza fil-konfront tas-soċjetajiet esponenti stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taħt il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 li allegatament ġiet mogħtija mis-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta' arbitraġġ li fost affarijiet oħra tirrikjedi li <u>kull kwistjoni</u> marbuta ma' jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement għandha tiġi ddeterminata bil-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li għandha tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza għandha tiġi applikata l-liġi Ingliża bħala l-liġi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawżola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, s-soċjetajiet esponenti qegħdin jikkontestaw bis-saħħa t-talbiet attriċi kollha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qegħdin jirrespinġu kull allegazzjoni ta' frodi u/jew abbuż u/jew ta' agir illegali u/jew male fede stante li huma dejjem agixxew fil-parametri tal-liġi u għal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-liġi.*

*4. Illi s-soċjetajiet esponenti dejjem eżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi u b'hekk ma jistawx ikunu responsabbli għal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili.*

*5. Illi f'dan il-kuntest, ġjaladarba li fiż-żmien illi s-soċjeta' rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta' self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiż-żmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta' garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew ħadu xi rahan fuq l-istess ishma, s-soċjetajiet ntimati aġixxew fil-limiti tad-drittjiet tagħhom u skont il-liġi u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tipprova teżerċita drittijiet jew tieħu l-benefiċċju ta' drittijiet li ma rriżervatx għaliha fiż-żmien opportun.*

*6. Illi subordinarjament u bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikorrenti trid tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe aġir tas-soċjetajiet esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeċiti u/jew in*

*mala fede u/jew qarrieqa jew b'kompartećipazzjoni fl-istess hekk kif qed jiġi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*7. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew aġir abbusiv illi qed tallega, s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha mogħtija lilha u li għadha tgawdi l-benefiċċju tagħhom, inkluż l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba' u erbgħin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji oħra ma huwiex suffiċjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta' rikorrenti.*

*8. Illi di piu' s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova l-bażi tal-pretensjoni tagħha fir-rigward ta' kif is-soċjetajiet esponenti b'xi mod ibbenifikaw ruħhom skont kif l-istess soċjeta' rikorrenti qegħda ssostni fir-rikors promotur.*

*9. Illi in oltre u in ogni caso, s-soċjeta' rikorrenti għandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-soċjetajiet esponenti kif ukoll (iii) iġġib il-prova meħtieġa skont il-liġi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-soċjeta' rikorrenti qegħda preżentement tenforza l-pretenzjonijiet tagħha kontra l-patrimonju tad-debituri prinċipali tagħha, liema patrimonju għandu jkopri d-djun tagħha jew parti sostanzjali minnhom.*

*10. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Anonim Sirketi ppreżentata fl-24 ta' Frar 2020 (*a fol.* 152 *et seq.*) li tgħid hekk:

*"1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina*

*l-vertenza fil-konfront tas-soċjetajiet esponenti ai terminu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 742 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taħt il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 li allegatament ġiet mogħtija mis-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta' arbitraġġ li fost affarijiet oħra tirrikjedi li kull kwistjoni marbuta ma' jew in konnessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement għandha tiġi ddeterminata bil-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li għandha tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza għandha tiġi applikata l-liġi Ingliża bħala l-liġi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawżola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, s-soċjeta' esponenti qegħda tikkontesta bis-saħħa t-talbiet attriċi kollha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qegħda tirrespinġi kull allegazzjoni ta' frodi u/jew abbuż u/jew ta' agir illegali u/jew male fede stante li hija dejjem agixxiet fil-parametri tal-liġi u għal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-liġi.*

*4. Illi s-soċjeta' esponenti dejjem eżerċitat id-drittijiet tagħha skont il-liġi u b'hekk ma tistax tkun responsabbli għal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili.*

*5. Illi f'dan il-kuntest, ġjaladarba li fiż-żmien illi s-soċjeta' rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta' self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiż-żmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta' garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-soċjetajiet ntimati jew min*

*minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew ħadu xi rahan fuq l-istess ishma, s-soċjetajiet ntimati aġixxew fil-limiti tad-drittjiet tagħhom u skont il-liġi u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tipprova teżerċita drittijiet jew tieħu l-benefiċċju ta' drittijiet li ma rriżervatx għaliha fiż-żmien opportun.*

*6. Illi subordinarjament u bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikorrenti trid tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe aġir tas-soċjeta' esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeċiti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b'kompparteċipazzjoni fl-istess hekk kif qed jiġi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*7. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew aġir abbusiv illi qed tallega, s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha mogħtija lilha u li għadha tgawdi l-benefiċċju tagħhom, inkluż l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba' u erbgħin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji oħra ma huwiex suffiċjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta' rikorrenti.*

*8. Illi di piu' s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova l-bażi tal-pretensjoni tagħha fir-rigward ta' kif is-soċjeta' esponenti b'xi mod ibbenifikat ruħha skond kif l-istess soċjeta' rikorrenti qegħda ssostni fir-rikors promotur.*

*9. Illi in oltre u in ogni caso, s-soċjeta' rikorrenti għandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-soċjeta' esponenti kif ukoll (iii) iġġib il-prova meħtieġa skont il-liġi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-soċjeta' rikorrenti qegħda preżentement tenforza l-pretenzjonijiet tagħha kontra l-patrimonju tad-debituri prinċipali tagħha, liema patrimonju għandu jkopri d-djun tagħha jew parti sostanzjali minnhom.*

*10. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut Mubariz Mansimov ippreżentata fl-24 ta' Frar 2020 (*a fol.* 158 *et seq.*) fejn jingħad hekk:

*"1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza fil-konfront tal-esponent, u dan ai terminu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 742 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taħt il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 li allegatament ġiet mogħtija mis-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta' arbitraġġ li fost affarijiet oħra tirrikjedi li kull kwistjoni marbuta ma' jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement għandha tiġi ddeterminata bil-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.*

*2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li għandha tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza għandha tiġi applikata l-liġi Ingliża bħala l-ligi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawżola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, l-esponent qed jikkontesta bis-saħħa t-talbiet attriċi kollha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qed jirrespinġi kull allegazzjoni ta' frodi u/jew abbuż u/jew ta' aġir illegali u/jew male fede stante li hu dejjem agixxa fil-parametri tal-liġi u għal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-liġi.*

*4. Illi l-esponent dejjem eżerċita d-drittijiet tiegħu skont il-liġi u b'hekk ma jistax ikun responsabbli għal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili.*

*5. Illi f'dan il-kuntest, ġjaladarba li fiż-żmien illi s-soċjeta' rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta' self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiż-żmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta' garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-soċjetajiet ntimati jew minn minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew ħadu xi rahan fuq l-istess ishma, l-intimati aġixxew fil-limiti tad-drittjiet tagħhom u skond il-liġi u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tipprova teżerċita drittijiet jew tieħu l-benefiċċju ta' drittijiet li ma rriżervatx għaliha fiż-żmien opportun.*

*6. Illi subordinarjament u bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikorrenti trid tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe aġir tal-esponent kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeċiti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b'komparteċipazzjoni fl-istess hekk kif qed jiġi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*7. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew aġir abbusiv illi qed tallega, s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha mogħtija lilha u li għadha tgawdi l-benefiċċju tagħhom, inkluż l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba' u erbgħin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji oħra ma huwiex suffiċjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta' rikorrenti.*

*8. Illi di piu' s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova l-bażi tal-pretensjoni tagħha fir-rigward ta' kif l-esponent b'xi mod ibbenifika skont kif l-istess soċjeta' rikorrenti qegħda ssostni fir-rikors promotur.*

*9. Illi in oltre u in ogni caso, s-soċjeta' rikorrenti għandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lill-esponenti kif ukoll (iii) iġġib il-prova*

*meħtieġa skont il-liġi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-soċjeta' rikorrenti qegħda preżentement tenforza l-pretenzjonijiet tagħha kontra l-patrimonju tad-debituri prinċipali tagħha, liema patrimonju għandu jkopri d-djun tagħha jew parti sostanzjali minnhom.*

*10. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi ippreżentata fl-24 ta' Frar 2020 (*a fol.* 165 *et seq.*) li taqra hekk:

*"1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza fil-konfront tas-soċjetajiet esponenti ai terminu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 742 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taht il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 li allegatament ġiet mogħtija mis-socjeta' Palmali Holding Company Limited, u liema garanzija tinkludi ftehim ta' arbitraġġ li fost affarijiet oħra tirrikjedi li kull kwistjoni marbuta ma' jew in konnessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement għandha tiġi ddeterminata bil-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari ukoll, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza fil-konfront tas-soċjetajiet esponenti ukoll stante li l-istess vertenza hija fondata fuq obbligazzjonijiet taħt il-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 li allegatament ġiet mogħtija mis-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, u liema*

*garanzija tinkludi ftehim ta' arbitraġġ li fost affarijiet oħra tirrikjedi li kull kwistjoni marbuta ma' jew in konessjoni mall-istess Guaranty and Indemnity Agreement għandha tiġi ddeterminata bil-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra u dan skont Klawżola 19.3 tal-istess ftehim u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.*

*3. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tidrilha li għandha tieħu konjizzjoni ta' dina l-vertenza għandha tiġi applikata l-liġi Ingliża bħala l-liġi applikabbli, u dan ai termini tal-Klawżola 19.1 tal-Guaranty and Indemnity Agreement datat 26 ta' April 2016 kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).*

*4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, s-soċjeta' esponenti qegħda tikkontesta bis-saħħa t-talbiet attriċi kollha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u qegħda tirrespinġi kull allegazzjoni ta' frodi u/jew abbuż u/jew ta' agir illegali u/jew male fede stante li hija dejjem agixxiet fil-parametri tal-liġi u għal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-liġi.*

*5. Illi s-soċjeta' esponenti dejjem eżerċitat id-drittijiet tagħha skont il-liġi u b'hekk ma tistax tkun responsabbli għal xi danni, u dan ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili.*

*6. Illi f'dan il-kuntest, ġjaladarba li fiż-żmien illi s-soċjeta' rikorrenti nnegozjat l-ftehim ta' self mall-kumpanniji Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited u fiż-żmien illi nnegozjat ukoll il-pakkett ta' garanziji illi riedet in kawtela tal-obbligi assunti minnhom hija ma talbet jew imponiet l-ebda limitazzjoni fuq s-soċjetajiet ntimati jew min minnhom milli jittrasferixxu l-ishma mertu tat-talbiet rikorrenti u wisq anqas ma talbu jew ħadu xi rahan fuq l-istess ishma, s-soċjetajiet ntimati aġixxew fil-limiti tad-drittijiet tagħhom u skond il-liġi u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tipprova teżerċita drittijiet jew tieħu l-benefiċċju ta' drittijiet li ma rriżervatx għaliha fiż-żmien opportun.*

*7. Illi subordinarjament u bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikorrenti trid tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kwanlunkwe aġir tas-soċjeta' esponenti kien motivat minn intenzjonijiet frawdolenti u/jew abbusivi u/jew illeċiti u/jew in mala fede u/jew qarrieqa jew b'kompartecipazzjoni fl-istess hekk kif qed jiġi allegat minnha fir-rikors promotur.*

*8. Illi fl-istess kuntest u sabiex tipprova l-frodi, qerq, mala fede jew aġir abbusiv illi qed tallega, s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova illi l-valur tal-garanziji kollha mogħtija lilha u li għadha tgawdi l-benefiċċju tagħhom, inkluż l-ipoteki navali fuq xejn inqas minn seba' u erbgħin (47) bastiment merkantili kif ukoll garanziji oħra ma huwiex suffiċjenti biex jissodisfa l-pretensjonijiet ta' l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*9. Illi di piu' s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova l-bażi tal-pretensjoni tagħha fir-rigward ta' kif is-soċjeta' esponenti b'xi mod ibbenifikat ruħha skont kif l-istess soċjeta' rikorrenti qegħda ssostni fir-rikors promotur.*

*10. Illi in oltre u in ogni caso, s-soċjeta' rikorrenti għandha (i) tipprova d-danni li allegatament soffriet, (ii) turi kif l-istess danni huma imputabbli lis-soċjeta' esponenti kif ukoll (iii) iġġib il-prova meħtieġa skont il-liġi dwar il-likwidazzjoni tal-istess danni, u dan partikolarment in vista tal-fatt li s-soċjeta' rikorrenti qegħda preżentement tenforza l-pretenzjonijiet tagħha kontra l-patrimonju tad-debituri prinċipali tagħha, liema patrimonju għandu jkopri d-djun tagħha jew parti sostanzjali minnhom.*

*11. Illi għaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti.*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat illi, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020 (*a fol.* 171), id-difensuri tal-partijiet qablu li l-Qorti diversament preseduta l-ewwel tisma' provi u tagħti deċiżjoni dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjoni ta' kull konvenut li ppreżenta Risposta Maħlufa.

Rat illi, fis-26 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 241), ġiet ippreżentata Nota mill-konsulenti legali tal-konvenuti kollha f'liema Nota huma rrinunzjaw għall-patroċinju tal-istess konvenuti.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 252 *et seq.*) fejn:

- ċaħdet l-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti kollha;

- ċaħdet it-tielet (3) eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi;

- iddikjarat li mhux biss għandha l-ġurisdizzjoni li taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, iżda li għandha tagħmel dan skont il-liġi ta' Malta;

- ikkundannat lill-konvenuti kollha sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha ma' dik is-sentenza.

Rat illi, fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 372), il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti bħala magħluqa u dan minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-verbal tas-seduta msemmija.

Semgħet, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2022, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-konsulent legali tal-bank attur (*a fol.* 411 *et seq.*) u rat in-Nota ta' riferenzi (*a fol.* 386 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2022, ġiet ippreżentata Nota mill-bank attur (*a fol.* 385) fejn, fost l-oħrajn, irriduċa l-ammont ta' pretensjoni tiegħu fil-konfront tal-konvenuti kollha eskluż is-soċjeta' Palmali Holding Company Limited għas-somma ta' għaxar miljun dollaru Amerikan (US$10,000,000).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li jirriżultaw fl-atti proċesswali.

Illi fit-28 ta' Lulju 2020 ġie ppreżentat affidavit tal-konvenut **Mubariz Kurbanovich Mansimov** (*a fol.* 179 *et seq.*) fejn jibda billi jgħid li l-affidavit tiegħu huwa limitat għad-determinazzjoni tal-fatti relatati mal-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuti kollha. Jgħid li huwa l-uniku direttur u sid tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited liema kumpanija hija nkorporata taħt il-liġijiet Maltin. Jgħid li bl-istess mod huwa l-uniku direttur tal-kumpaniji Maltin l-oħra li huma konvenuti f'dan il-każ u jgħid li huwa wkoll direttur u Chairman ta' żewġ kumpaniji Torok li huma nvoluti f'dan il-każ u ċioè Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi u Palmali Holding Anonim Sirketi. Jgħid li huwa m'huwiex ċittadin Malti u lanqas huwa residenti jew domiċiljat f'Malta u li meta nfetħet il-kawża ma kienx f'Malta. Jgħid li l-kumpaniji Torok li huma konvenuti f'din il-kawża ma għandhomx interessi f'Malta u li kemm huwa kif ukoll dawn il-kumpaniji ma tawx il-kunsens tagħhom sabiex jiġu mħarka quddiem il-Qorti Maltija. Jgħid li hu sorpriż li f'din il-kawża ġiet inkluża s-soċjeta' Palmali Holding Company Limited u li fl-opinjoni tiegħu din il-kawża qed issir b'rabta mal-ftehim tas-26 ta' April 2016 li huwa ffirma flimkien mal-kumpanija Palmali Holding Company Limited. Jgħid li s-soċjeta' attriċi fetħet arbitraġġ abbażi tal-ftehim imsemmi. Ikompli jgħid li l-ftehim jagħmilha ċara li l-affarijiet relatati miegħu, anke dawk li m'humiex kuntrattwali, huma suġġetti għal arbitraġġ l-Ingilterra. Jgħid li m'huwiex ċar għalih għalfejn is-soċjeta' attriċi nkludiet is-soċjeta' Palmali Holding Company Limited fil-kawża odjerna partikolarment meta l-ebda waħda mit-talbiet ma huma diretti lejn l-imsemmija kumpanija.

Illi fit-30 ta' Settembru 2021 ġie ppreżentat affidavit ta' l-**Avukat Nadezhda Hubbuck** (*a fol.* 308 *et seq.*)[1] fejn tgħid li hija awtorizzata tagħmel l-affidavit għan-nom tas-soċjeta' attriċi. Tgħid li Mansimov

[1] F'dan l-affidavit issir riferenza għal numru ta' dokumenti, liema dokumenti jinsabu f'żewġ *envelopes*. F'*envelope* wieħed hemm Volum 1 ta' Dok. "NH 1" u f'*envelope* ieħor hemm Volum 2 ta' Dok. "NH 1".

huwa ċittadin tal-Azerbajġan u li għandu nazzjonalita' Torka wkoll. Tgħid li l-Palmali Group kien involut f'numru ta' industriji nkluż it-tbaħħir l-aktar f'Malta, l-Azerbajġan, it-Turkija u r-Russja. Tgħid li Mansimov kien l-unika direttur tas-soċjeta' Palmali Holding Company Limited wara li neħħa d-diretturi l-oħra. Tispjega li fis-snin 2013 u 2014 is-soċjeta' attriċi daħlet f'numru ta' kuntratti ta' self mal-kumpanija Palmali Caspian Offshore Project u Palmali Company Limited u li ż-żewġ kumpaniji kienu sussidjarji ta' Palmali Holding Company Limited u li huma nkorporati fil-Federazzjoni Russa. Tgħid li dan is-self kien bżonnjuż sabiex jiġu rifinanzjati obbligi ta' self ma' banek Russi oħra u sabiex jiġi ffinanzjat ix-xiri ta' bastimenti għal Palmali Group. B'mod partikolari s-soċjeta' attriċi u l-kumpaniji msemmija aktar 'il fuq daħlu f'erba' kuntratti ta' self fl-ammont totali ta' US$255,957,476. Tispjega li sabiex jassiguraw l-obbligi tal-ftehim ta' self, Mansimov ta garanziji personali waqt li Palmali Holding Company Limited ipprovdiet garanziji korporattivi u li l-garanziji kienu ggvernati mil-liġi Russa. B'żieda ma' dan, Mansimov ipprovda garanziji personali taħt il-liġi Torka li koprew l-ammont kollu pprovdut taħt is-self. Tgħid li sebgħa u erbgħin (47) bastiment ġew marbuta bħala sigurta' addizzjonali u tispjega li dawn il-bastimenti baqgħu proprjeta' tal-kumpaniji li ssellfu l-flus u li s-soċjeta' attriċi qatt ma kellha l-proprjeta' jew il-pussess tagħhom u lanqas skont Irina Asmolova qatt ma rċeviet id-dħul mill-operat tal-bastimenti in kwistjoni.

- <u>Talba ta' Palmali Holding Company Limited sabiex tirristruttura d-dejn</u>: Tispjega li f'Ġunju 2015, is-soċjeta' attrici rċeviet ittra minn għand Palmali Holding Company Limited fejn talbet li s-self jiġi ristrutturat minħabba problemi finanzjarji li kien qed jiffaċċja l-grupp. Tgħid li skont Rustam Ishmatov il-problemi finanzjarji kienu kkawżati mill-fatt li: (a) waħda mill-kumpaniji li ssellfet il-flus instabet ħatja ta' evażjoni mill-awtoritajiet Russi għal ammont ta' 4 biljun rublu Russu u (b) is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Palmali marret lura minħabba li l-livell tal-ilma fix-xmara Don niżel b'mod li l-kumpanija ma setgħetx tagħmel użu massimu tal-flotta tagħha. Tgħid li sa Lulju 2015 il-kumpaniji li ssellfu l-flus kisru l-obbligi tagħhom u fuq talba ta' Palmali l-bank attur beda negozjati sabiex

jirristrutturaw id-dejn. Tgħid li wara li saru l-proċeduri interni l-bank aċċetta li s-self jiġi ristrutturat iżda dan il-kunsens kien suġġett għal ċertu kondizzjonijiet. Tkompli tgħid li skont Ishmatov u l-korrispondenza relattiva r-rappreżentanti tal-grupp dejjem assiguraw lis-soċjeta' attriċi li l-kondizzjonijiet imposti kienu aċċettabbli u li kienu lesti jagħtu l-garanziji neċessarji sabiex ir-ristrutturar jiġi komplut. Għalhekk tispjega li minflok il-liġi Russa li kien hemm fil-garanzija oriġinali bejn il-bank u Palmali Holding Company Limited issa ddaħħlet il-liġi Ingliża. Minbarra dan, il-garanziji ta' Mansimov iggvernati mil-liġi Torka ġew imġedda. Tispjega li dan il-ftehim ippermetta li Mansimov u l-Palmali Group iġibu ristrutturar minn kredituri oħra b'kondizzjonijiet vantaġġużi. Tgħid li skont Ishmatov, waqt in-negozjati l-Palmali Group ipprovda *corporate chart* sabiex jipprova lista ta' assi ta' Palmali Holding Company Limited.

- <u>Il-garanzija u ksur tal-obbligi minn naħa tal-kumpaniji li kisbu s-self</u>: Tispjega li permezz tal-garanzija, Palmali Holding Company Limited iggarantiet li ser tħallas lura l-flus u l-istess garanzija kien fiha klawsola arbitrali. Minkejja dan, tgħid li f'Mejju 2017 il-kumpaniji in kwistjoni kisru l-kondizzjoni tas-self u naqsu li jħallsu kemm id-dejn prinċipali kif ukoll l-interessi. Tgħid li wara li ngħata avviż formali (inkluż talba sabiex is-self jitħallas b'mod aċċellerat flimkien mal-interessi), l-kumpaniji in kwistjoni naqsu milli jagħmlu l-ħlas mitlub. Tkompli li fis-16 ta' Jannar 2018, skont klawsola 2.1 tal-garanzija, il-bank attur innotifika lil Palmali Holding Company Limited li kienet qed tikser it-termini tas-self u ntalbet tħallas il-flus dovuti taħt il-garanzija. Tgħid li minkejja dan ma kien hemm l-ebda risposta.

- <u>Arbitraġġ u rimedju *interim*</u>: Tispjega li wara n-nuqqas li jitħallas lura s-self, fis-16 ta' April 2018 il-bank attur fetaħ arbitraġġ fejn talab l-ammont kollu li kien għadu ma tħallasx lura u ċioè US$209,246,750 u 150,000 Rublu.

- Rimedju *interim*: Tispjega li fis-6 ta' April 2018 l-bank attur kiseb Mandat ta' Sekwestru u Mandat ta' Qbid fil-Qrati Maltin.

- F'April u f'Mejju 2018 is-sussidjarji diretti ttrasferew l-ishma tas-sussidjarji indiretti: Tgħid li fl-20 ta' Marzu 2019, Ali Kemal Celikten li qabel kien *Chief Financial Officer* tas-soċjeta' Palmali Holding Company Limited u li kien involut fir-ristrutturar kien ta informazzjoni li ftit wara li beda l-arbitraġġ il-kumpaniji Maltin kienu ttrasferew xi assi lill-kumpanija Torka Gunesli li hija konvenuta f'din il-kawża. Tgħid li dan ġie konfermat wara li saret riċerka fir-reġistru tal-kumpaniji f'Malta. Tgħid li rriżulta wkoll li b'dawn it-trasferimenti tneħħew minn għand Palmali Holding Company Limited, ħamsa u tletin (35) bastiment li kienu tagħha tramite s-sussidjarji tagħha. Tgħid li mir-rendikont finanzjarju tas-sena 2014 saret taf li qabel ma nfetaħ l-arbitraġġ dawn is-sussidjarji indiretti kellhom sebgħa u erbgħin (47) bastiment. Tispjega li waqt in-negozjati fuq ir-ristrutturar, il-bank attur kien ingħata l-istruttura korporattiva li kienet turi li Palmali Holding Company Limited kienet sid tal-bastimenti permezz tas-sussidjarji tagħha. Tgħid li minn estratti mir-Reġistru Marittimu Malti rriżulta wkoll li sussegwentement il-bqija tal-bastimenti tneħħew ukoll minn taħt Palmali Holding Company Limited. Tgħid li fil-21 ta' Mejju 2018 infetħet il-kumpanija Palmali Holding Anonim Sirketi u li din saret sid tal-kumpanija Gunesli. Tgħid li Palmali Holding Anonim Sirketi hija ta' Mansimov u huwa l-uniku direttur tagħha.

- Qrati Maltin (2019): Tgħid li fit-8 ta' Novembru 2019 il-bank attur fetaħ kawża fil-Qrati Maltin kontra Mansimov u sbatax (17)-il kumpanija li huma taħt il-kontroll tiegħu minħabba atti magħmula in *mala fede*. Tgħid ukoll li fit-8 ta' Novembru 2019 il-Qrati Maltin laqgħu t-talba tal-bank attur għal Mandat ta' Sekwestru fuq l-ishma tal-kumpaniji li kienu s-sussidjarji indiretti kif ukoll fuq kumpaniji li tagħhom Mansimov kien is-sid.

- <u>L-ewwel (1) u t-tieni (2) lodo</u>: Tgħid li fit-18 ta' Diċembru 2019 il-Bord ta' Arbitraġġ ta l-ewwel lodo parzjali u fid-29 ta' Mejju 2020 ta l-lodo finali tiegħu, liema lodo finali ġiet korretta permezz ta' Memorandum tad-9 ta' Lulju 2020. Tispjega li l-ammonti deċiżi mit-tribunal għadhom ma tħallsux.

- <u>Proċeduri għar-rikonoxximent tal-arbitraġġ</u>: Tgħid li fid-9 ta' Jannar 2020 il-bank attur ippreżenta applikazzjoni sabiex l-ewwel lodo tal-Bord tal-Arbitraġġ tiġi rikonoxxuta hawn Malta miċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ. Minkejja l-oġġezzjonijiet tas-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 iċ-Chairman taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ ordna r-reġistrazzjoni ta' din id-deċiżjoni. Tgħid li ġialadarba ma kien hemm l-ebda appell minn din id-deċiżjoni, il-bank attur ippreżenta talba għal mandati eżekuttivi li ntlaqgħu mill-Qrati Maltin fl-14 ta' Jannar 2021.

- <u>Rikonoxximent tal-proċeduri Ingliżi</u>: Tispjega li mingħajr pre-avviż il-bank attur ippreżenta Rikors quddiem il-Qrati Ingliżi fejn talab li jkun jista' jenforza l-ewwel lodo arbitrali u talab ukoll *worldwide freezing order*. Tgħid li t-talbiet ġew milqugħa fit-28 ta' April 2020 u minħabba l-ordni ta' iffirżar Palmali Holding Company Limited ġiet kostretta tikxef l-assi tagħha li jaqbżu l-valur ta' US$100,000. Tgħid li fid-19 ta' Mejju 2020 Lax & Co bagħtet ittra fejn niżżlet dawk li dak iż-żmien kienu s-sussidjarji ta' Palmali Holding Company Limited u kontijiet bankarji tal-istess. Tilmenta li din l-informazzjoni ma pprovdiet l-ebda dokumentazzjoni u għalhekk intbagħtet ittra fejn ġie mitlub li jkun hemm ottemperanza mal-ordni ta' iffriżar. Tkompli tgħid li fil-25 ta' Mejju 2020, Palmali Holding Company Limited ipprovdiet x-xiehda ta' Mansimov, ta' Aysan Erdem (*Senior Financial Controller* ta' Palmali Group) u ta' Dr. Ivan Vella (l-avukat Malti ta' Palmali Holding Company Limited). Tgħid li fit-12 ta' Mejju 2020, Palmali Holding Company Limited talbet sabiex jitwarrab l-*Enforcement Order* u li fil-25 ta' Mejju 2020 talbet sabiex jitneħħa l-Ordni ta' Iffriżar. Tispjega li l-bank attur aċċetta li jirtira t-talbiet tiegħu sabiex il-*world freezing order* jibqa' fis-seħħ sabiex ma jintefqux spejjeż

inutli u dan in vista tal-fatt li Palmali Holding Company Limited kienu tneħħewlha l-assi kollha. Tkompli tgħid li fil-5 ta' Ġunju 2020 ingħata ordni maqbul bejn il-partijiet li rrevoka l-ordni ta' iffriżar. Tgħid x'irriżulta mix-xiehda ta' Mansimov u tgħid li ġie konfermat minnu li l-kumpanija Palmali Holding Company Limited hija bla assi. Tgħid li dan irid jiġi mqabbel mad-dikjarazzjoni fl-2014 li l-assi tal-kumpanija kienu ta' US$1,741,372,966.

- Argumenti ta' Palmali Holding Company Limited dwar it-trasferiment tal-ishma tas-sussidjarji indiretti: Tgħid x'jirriżulta li ngħad waqt il-proċeduri Ingliżi minn l-Avukat Ivan Vella fejn ġie argumentat li l-aġir ta' Palmali Holding Company Limited ma kienx jikser l-ordni tal-Qrati Maltin minħabba li dan kien jikkonċerna l-assi li Palmali Holding Company Limited kellha fis-sussidjarji diretti imma ma kienx jinkludi s-sussidjarji indiretti. Tgħid li l-Avukat Vella argumenta wkoll li l-bank attur ma ressaqx il-mandat fil-formola t-tajba u li skont l-avukat Malti tal-bank attur dan ma kellu l-ebda effett fuq is-sustanza tal-mandat. Tgħid li fl-opinjoni tagħha dan juri *mala fede* fuq in-naħa ta' Palmali Holding Company Limited.

- Trasferiment tal-ishma f'Palmali Shipping S.A. u f'Palmali Gemicilik Ve Acentelik Anonim Sirketi: Tispjega kif fl-opinjoni tagħha t-trasferimenti tal-assi seħħew bħala tweġiba għall-arbitraġġ ħalli l-kumpannija Palmali Holding Company Limited titqiegħed f'pożizzjoni li ma jkollha xejn x'titlef.

- It-tranżazzjoni ta' Palmali Shipping S.A. fit-18 ta' April 2018: Tispjega li qabel l-arbitraġġ Palmali Shipping S.A. kienet sussidjarja tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited u din kienet inkorporata taħt il-liġijiet ta' St. Kitts and Nevis. Tispjega li Palmali Shipping S.A. kellha kuntratt sabiex iġġorr iż-żejt għal kumpanija Litasco S.A. u dan kien jiġġenera dħul konsiderevoli. Fir-rendikonti finanzjarji l-valur tal-ishma ta' Palmali Holding Company Limited f'Palmali Shipping S.A. kien dak ta' US$35,281,643. Tispjega li minn dokumenti li rċevew mir-reġistru tal-kumpaniji ta' Nevis irriżulta li jumejn

wara li nfetaħ l-arbitraġġ, Palmali Holding Company Limited ittrasferiet l-ishma ta' Palmali Shipping S.A. lil Gunesli. Tispjega wkoll li minħabba l-fatt li din il-kumpanija kienet reġistrata barra minn Malta, l-ordni tal-Qrati Maltin ma kienx japplika għaliha. Tkompli tgħid li t-trasferiment kellu implikazzjonijiet li kienu qed isiru sabiex l-assi jinħarġu fil-każ li Palmali Holding Company Limited titlef il-kawża.

- <u>It-tranżazzjoni ta' Gemicilik fl-4 ta' Ġunju 2018</u>: Tgħid li bħala parti mill-proċeduri quddiem il-Qorti Ingliża ħareġ li s-soċjeta' Palmali Gemicilik Ve Acentelik Anonim Sirketi ġiet trasferita lil Mansimov bi prezz ta' US$1,000,000 u li din tħallset bi tpaċija ma' xi ammont li Palmali Holding Company Limited kienet taf lill-istess Mansimov. Tkompli tgħid li minn estratt mit-*trade registry gazette* Tork, Palmali Holding Company Limited kellha tlieta u disgħin fil-mija (93%) tal-ishma ta' Palmali Gemicilik Ve Acentelik Anonim Sirketi. Tispjega li dan kien każ ieħor ta' dissipazzjoni tal-assi minn Palmali Holding Company Limited u tgħid li fl-*istatements* finanzjarji Palmali Gemicilik kienet tirċievi US$7.3 miljun fis-sena bħala *management fees* u kellha valur ta' US$17,621,334. Tgħid li f'isem Palmali Holding Company Limited, Lax & Co ċaħdet li dan it-trasferiment kien każ ta' dissipazzjoni ta' assi. Tgħid li ma ġiex spjegat kif din il-kumpanija ġiet trasferita b'valur sbatax (17)-il darba anqas. Tgħid li lanqas ġie spjegat għalfejn sar dan it-trasferiment. Tispjega li minħabba l-fatt li dan it-trasferiment sar xahrejn u nofs wara li beda l-arbitraġġ, dan huwa evidenza li dan kien każ ieħor ta' dissipar tal-assi ta' Palmali Holding Company Limited. Tagħti lista ta' kumpaniji li għadhom ta' Palmali Holding Company Limited iżda tgħid li taħseb li dawn huma bla valur u li l-kumpaniji li ssellfu l-flus huma llum insolventi.

- <u>Proċeduri Russi ta' falliment</u>: Tispjega li l-kumpaniji li ssellfu l-flus fir-Russja tpoġġew fi stat ta' amministrazzjoni kontrollata. Il-kumpanija Palmali Limited Liability Company tpoġġiet f'din il-proċedura fit-12 ta' Novembru 2018 u fl-istess ġurnata ġie appuntat amministratur. Tkompli tgħid li fit-tieni proċedura ta' falliment il-kumpanija Palmali Caspian Offshore Project

ukoll tpoġġiet fi stat ta' amministrazzjoni u ġie appuntat amministratur. Tispjega li f'dawn il-proċeduri nbiegħu sebgħa u erbgħin (47) bastiment li kienu ngħataw b'garanzija lill-bank attur. Minkejja dan il-bank attur ma rċeviex biżżejjed flus sabiex jitħallas is-self kollu. Tkompli tgħid li fis-7 ta' Lulju 2020 u fl-10 ta' Novembru 2020 il-bank attur innotifika li kien irċieva US$21,751,441.86 u US$48,501,734.99 rispettivament fir-rigward tad-dejn li Palmali Holding Company Limited kellha miegħu taħt il-ftehim ta' garanzija. Tispjega li fit-12 ta' Lulju 2021 il-Qorti Kummerċjali Reġjonali ta' Rostov ikkunsidrat ir-rapport dwar Palmali Limited Liability Company u ddeċidiet dwar it-tmiem tal-proċeduri marbuta mal-falliment. Tkompli tgħid li l-proċeduri ta' falliment tal-kumpanija Palmali Caspian Offshore Project għadhom pendenti minħabba li l-amministratur talab sabiex oħrajn jitqiesu responsabbli b'mod sekondarju għad-dejn. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet parti mit-talba u l-amministratur appella u l-Qorti tal-Appell laqgħet dan l-appell fl-20 ta' Awwissu 2021. Minkejja dan, tgħid li l-Qrati Russi għadhom ma ddeċidewx dwar il-*quantum* tar-responsabilita'. Tgħid li fis-17 ta' Lulju 2021 il-Qorti tal-Kummerċ Reġjonali ta' Rostov estendiet l-amministrazzjoni ta' din il-kumpanija sas-6 ta' Diċembru 2021.

- <u>Każ kriminali fit-Turkija</u>: Fuq dan il-każ tagħmel riferenza għall-artikolu miktub minn Zaman Australia fl-1 ta' Lulju 2021.

Illi fis-6 ta' Jannar 2022 ġie ppreżentat affidavit ulterjuri ta' l-**Avukat Nadezhda Hubbuck** (*a fol.* 367A)[2] fejn tgħid li tinsab infurmata minn Asmolova li Mansimov ma' uħud mill-konvenuti ppreżenta: (a) appell kontra d-deċiżjoni tal-Qorti ta' Rostov kontra s-sentenza li fiha ġie dikjarat li huwa responsabbli b'mod sekondarju għad-djun dovuti minħabba s-self u (b) Rikors minħabba li kien għadda t-terminu sabiex jiġi ppreżentat l-appell. Tgħid li Mansimov ippreżenta stqarrija maħruġa mill-Ministru tal-Affarijiet Interni Tork fejn tiġi speċifikata r-residenza tiegħu. Tispjega li fl-10 ta' Novembru 2021 in-North-Caucasus District Commercial Court

[2] F'dan l-affidavit issir riferenza għal numru ta' dokumenti, liema dokumenti jinsabu annessi ma' l-istess affidavit u li ġew immarkati bħala Dok. "NH 2".

ordnat li jiġi impost terminu sabiex jiġi ppreżentat u aċċettat l-appell. Tgħid li l-Qorti ċaħdet l-appell. Tgħid ukoll li s-soċjeta' Palmali Caspian Offshore Project ġiet likwidata u tneħħiet mir-reġistru Russu fil-11 ta' Ottubru 2021. Tixhed li l-proċeduri ta' falliment tas-soċjeta' Palmali Company ġew estiżi sas-6 ta' Ġunju 2022 minħabba li l-assi tal-falliment għadhom ma ġewx komposti.

- L-ammont mhux imħallas taħt taħt l-ewwel (1) u t-tieni (2) lodo: Tispjega li l-bank attur ma kisibx il-ħlas tad-dejn dovut mis-soċjeta' Palmali Company hawn fuq imsemmija. Tkompli tgħid li wara l-bejgħ tal-bastimenti l-bank ma rċieva l-ebda ammont ieħor. Tgħid li għalhekk l-ammont dovut lill-bank huwa dak ta' US$205,191,204.23.

- Is-sentenza kontra Mansimov fil-proċeduri kriminali Torok: Tgħid li f'Marzu 2020 Mansimov ġie arrestat fit-Turkija fuq akkużi ta' terroriżmu u li hu nżamm arrestat. Tgħid li l-arrest inbidel f'*house arrest* b'numru ta' restrizzjonijiet. Tgħid li l-uffiċju tal-prosekutur f'Istanbul ġie notifikat b'dan.

- L-indirizz il-ġdid ta' uħud mill-konvenuti: Tgħid li uħud mill-konvenuti li hija ssemmi fl-affidavit tagħha biddlu l-indirizz fejn huma reġistrati u li minkejja li Mansimov kien jaf li nbidlu l-indirizzi ta' uħud mill-konvenuti, huwa naqas milli jinforma b'dan lill-bank attur.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-bank attur hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tiegħu, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Permezz ta' erba' *loan agreements*, il-bank attur għadda self ta' flus lis-soċjetajiet Russi Palmali Caspian Offshore Project Company Limited u Palmali Company Limited. Bħala garanzija ta' dan is-self, fis-26 ta' April 2016 is-soċjeta' Palmali

Holding Company Limited iffirmat ftehim ta' *Guarantee and Indemnity* (Dok. "A" – *a fol.* 11 *et seq.*).

- Permezz ta' *Loan Agreement* 1, il-bank attur sellef lis-soċjeta' Palmali Caspian Offshore Project is-somma ta' US$34,486,833.88.

- Permezz ta' *Loan Agreement* 2, il-bank attur sellef lis-soċjeta' Palmali Company Limited is-somma ta' US$57,170,642.84.

- Permezz ta' *Loan Agreement* 3; il-bank attur sellef is-somma ta' US$104,000,000 lis-soċjeta' Palmali Company Limited.

- Permezz ta' *Loan Agreement* 4, il-bank attur attur sellef lis-soċjeta' Palmali Company Limited is-somma ta' US$60,300,000.

- Fis-sena 2015 il-kumpaniji li kienu ssellfu l-flus ma kienux f'qagħda li jħallsu s-self lura u għalhekk inbdew negozjati sabiex is-self jiġi ristrutturat. Dan wassal għal ftehim tas-sena 2016 fejn minbarra l-garanzija mogħtija mis-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Company Limited, Mansimov minn naħa tiegħu reġa' iggarrantixxa s-self b'mod personali.

- Fis-17 ta' April 2018 is-soċjeta' Palriver Shipping Limited ittrasferit sitt (600) sehem li kellha mis-soċjeta' Armada Holding Two Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B1" – *a fol.* 44).

- Fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' Palsea Shipping Limited ittrasferiet sitt (600) sehem li kellha mis-soċjeta' Pal Bulk Holding Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B2" – *a fol.* 45).

- Fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' Palocean Shipping Limited ittrasferiet sitt (600) sehem li kellha mis-soċjeta' Pal Tanker Holding Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz

Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B3" – *a fol.* 46).

- Fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' Palsea Shipping Limited ittrasferiet ħames (500) sehem li kellha mis-soċjeta' Palmali Dry Cargo Holding Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B4" – *a fol.* 47).

- Fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' Palsea Shipping Limited ittrasferiet ħames (500) sehem li kellha mis-soċjeta' Palmali Voyager Holding Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B5" – *a fol.* 48).

- Fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' Palocean Shipping Limited ittrasferiet ħames (500) sehem li kellha mis-soċjeta' Pal Holding Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B6" – *a fol.* 49).

- Fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' Palriver Shipping Limited ittrasferiet ħames (500) sehem li kellha mis-soċjeta' IGM Holding Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B7" – *a fol.* 50).

- Fl-24 ta' April 2018 is-soċjeta' Palriver Shipping Limited ittrasferiet ħames (500) sehem li kellha mis-soċjeta' Marine Holding Company Limited lis-soċjeta' Torka Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B8" – *a fol.* 51).

- Fis-6 ta' April 2018 il-bank attur talab u kiseb quddiem il-Qrati Maltin Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru kontra Palmali Holding Company Limited.

- Fis-16 ta' April 2018 il-bank attur beda proċeduri kontra s-soċjeta' Palmali Holding Company Limited permezz ta'

Arbitraġġ ġewwa Londra u dan *ai termini* ta' klawsola 19 tal-*Guarantee and Indemnity Agreement* (Dok. "A" – *a fol.* 11 *et seq.*).

- Il-bank attur rebaħ l-arbitraġġ li kien qed isir l-Ingilterra kontra s-soċjeta' Palmali Holding Company Limited u sussegwentement il-bank attur talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid Eżekuttiv.

- Sussegwentement għall-arbitraġġ, il-bank attur talab *World Freezing Order* mill-awtoritajiet Ingliżi. Waqt dawn il-proċeduri l-konvenut Mansimov iddikjara li s-soċjeta' Palmali Holding Company Limited ma kellhiex ishma li fil-valur kienu jaqbżu l-US$100,000 u li għalhekk ma kellhiex assi x'tiddissipa.

- Mill-affidavit ta' l-Avukat Nadezhda Hubbuck (*a fol.* 308 *et seq.*) jirriżulta, fost l-oħrajn, li:

  - ma kienx hemm kontijiet awditjati tas-soċjeta' Palmali Holding Company Limited mill-31 ta' Diċembru 2015 'il quddiem;

  - is-soċjeta' Palmali Holding Company Limited ittrasferiet tlieta u disgħin fil-mija (93%) mill-ishma li kellha fis-soċjeta' Gemicilik Ve Acentelik Anonim Sirketi b'valur ta' miljun dollaru liema ammont ġie paċut kontra self li Palmali Holding Company Limited kellha tħallas lil Mansimov u li fis-sena 2014, din il-kumpanija kellha l-valur ta' US$17,621,334;

  - is-soċjeta' Palmali Shipping S.A. li kienet tas-soċjeta' Palmali Holding Company Limited ġiet trasferita lis-soċjeta' Torka Gunesli u dan sar fit-18 ta' April 2018 u ċioè jumejn wara li nbdew il-proċeduri ta' arbitraġġ. Fir-rendikonti finanzjarji, il-valur tal-ishma ta' Palmali Holding Company Limited f'Palmali Shipping S.A. kien dak ta' US$35,281,643.

Illi da parte tagħhom, fir-Risposti Maħlufa tagħhom il-konvenuti jressqu numru ta' eċċezzjonijiet li uħud minnhom diġa' ġew deċiżi minn din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza mogħtija minnha fit-18 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 252 *et seq.*).

Illi qabel il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-bank attur hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel konsiderazzjonijiet dwar it-tielet (3) eċċezzjoni eċċepita fir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Company Limited.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tielet (3) Eċċezzjoni tas-soċjeta' Palmali Holding Company Limited (Interess Ġuridiku)</u>:**

Illi f'din l-eċċezzjoni s-soċjeta' Palmali Holding Company Limited tgħid li l-bank attur ma għandux l-interess ġuridiku neċessarju sabiex iressaq l-azzjoni odjerna kontra tagħha stante li huwa eskluda l-kumpanija konvenuta in kwistjoni mit-talbiet tiegħu minħabba li hija ma wettqietx it-trasferimenti kkontestati.

Illi l-Qorti tibda billi tirreferi għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2018 fil-kawża fl-ismijiet **Emily Stivala et vs. Paula Pace** (Numru 616/99) fejn dwar it-tema ta' interess ġuridiku, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "22. In tema legali, biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, iridu jiġu sodisfatti diversi kriterji. Il-prinċipji li jikkwalifikaw l-interess li għandu f'kull każ jiġi riskontrat fl-attur biex jippromwovi u jsostni l-azzjoni minnu esperita, ġew elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawża **Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Dr. Francis Lanfranco** et:-
>
> > "i) l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali;
> >
> > ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew

tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;

iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmula kontriha;

iv) l-interess ġuridiku jrid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;

v) l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-ħajja kollha tal-azzjoni u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;

vi) l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-motiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;

vii) fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromwovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'il quddiem;

viii) l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid,

imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku;

ix) jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd tal-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda llegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ[3]."

23. Ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża **Baldacchino v. Bellizzi et**:-

"... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – *'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile.''*

Illi mill-affidavit ta' l-Avukat Nadezhda Hubbuck (*a fol.* 308 *et seq.*) jidher li tnejn mit-tranżazzjonijiet li hemm taħt il-lenti huma t-trasferiment tas-soċjetajiet Palmali Shipping u Palmali Gemicilk liema soċjetajiet kienu sussidjarji tas-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Company Limited.

Illi għalhekk is-soċjeta' konvenuta Palmali Holding Company Limited għandha interess tiddefendi l-aġir tagħha minkejja li hija eskluża mit-talbiet tal-bank attur. Tenut kont ta' dan u ta' dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ikkwotati, jirriżulta li l-eċċezzjoni in eżami għandha tiġi miċħuda.

[3] Ċitata wkoll f'**Karina Fenech vs. Awtorita' tad-Djar et** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 12 ta' Diċembru 2011.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti kollha jew min minnhom kien wieħed abbużiv u/jew illeċitu u/jew in mala fede u/jew qarrieqi etċ)</u>:**

Illi f'din it-talba l-bank attur jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti kollha jew min minnhom kien wieħed abbużiv u/jew illeċitu u/jew in mala fede u/jew qarrieqi u li minnu, direttament jew indirettament, ibbenefikaw il-konvenuti u/jew Palmali Holding Company Limited u li tali abbuż u/jew komparteċipazzjoni fl-istess sar a dannu tal-bank attur u konsegwentement il-konvenuti jew min minnhom iżda bl-esklużjoni ta' Palmali Holding Company Limited huma solidalment jew mod ieħor fil-liġi, direttament responsabbli versu l-bank attur għal kull ammont dovut jew li jiġi determinat li huwa dovut lilu minn Palmali Holding Company Limited *ai termini* tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali assunti minn Palmali Holding Company Limited fil-konfront tal-bank attur u dan għaliex jeżistu fil-liġi l-estremitajiet għall-eċċezzjoni lill-prinċipju ta' personalita' ġuridika distinta in kwantu tali prinċipju ġie manifestament abbużat.

Illi permezz ta' din it-talba dak li qed jitlob il-bank attur huwa li fuq l-iskorta tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*, il-Qorti għandha xxejjen il-*corporate veil ossia* l-velu ta' soċjeta' kummerċjali u tifrex ir-responsabilita' tal-obbligi kuntrattwali li Palmali Holding Company Limited għandha lejn il-bank attur fuq il-kumpaniji konvenuti l-oħra fil-kawża u fuq Mansimov stess. Il-bank attur jitlob dan minħabba li ftit wara li nbdew proċeduri legali kontra l-kumpanija in kwistjoni, numru ta' kumpaniji li kienu indirettament parti mill-istruttura tas-soċjeta' Palmali Holding Company Limited u li kellhom fi ħdanhom assi konsiderevoli ġew trasferiti b'mod allegatament frawdolenti fi struttura ta' kumpaniji oħra u dan sabiex jiġu protetti mid-dritt ta' rivalsa tal-bank attur.

Illi l-Qrati tagħna diġa' kellhom l-opportunita' jippronunzjaw ruħhom dwar il-prinċipju legali hawn fuq imsemmi u huwa ċar għal din il-Qorti li, fejn parti tipprova taħrab mill-obbligi tagħha u tagħmel użu minn mezzi frawdolenti, tali aġir jiġi kkastigat. F'dan ir-rigward, prinċipju li ġie ripetutament imħaddan mill-Qrati

tagħna huwa li ħadd ma għandu jgawdi mit-turpitudini tiegħu. Dwar dan il-punt il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Malta Development Corporation vs. Zet Limited** (Numru 2123/97) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija milll-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru 1999 fejn ingħad hekk:

> "Illi minn naħa l-oħra fl-agħar ipotesi setgħa kien hemm ***mala fede*** minn min kellu interess li tali żball jibqa' jippersisti sabiex jagħmel kapital minnu, u anke f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li sostniet il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**<u>Edward Enriquez et vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia "senior" et nomine</u>**" (GCD 12-10- 1995):- "***Il-Qorti tifhem li fejn jirriżulta aġir skorett li juri 'mala fides' ma għandhiex tħalli lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-'mala fides' tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunita' mill-prinċipju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtrallizat l-effett tal-'mala fides' huwa meħtieġ li l-Qorti tipprexxindi mill-personalita' separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tieħu dan il-pass***"".

Illi b'mod iktar iffukat fuq il-kunċett tal-*corporate veil*, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru 2019 fil-kawża fl-ismijiet **Salvina magħrufa bħala Sylvia Bugeja vs. Albert Debono et** (Numru 1185/10) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "Għandu jingħad mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx mal-asserzjoni tal-konvenut appellanti li dan il-prinċipju tal-*lifting of the corporate veil* jiġi applikat biss fil-proċedimenti ta' stralċ. Kien hemm diversi okkażjonijiet fejn il-Qrati tagħna warrbu l-velu ta' soċjeta' kummerċjali, b'personalita' ġuridika separata u sabu diretturi jew azzjonisti personalment responsabbli, minkejja li l-proċeduri ma kinux jitrattaw proċeduri ta' stralċ. Hawn mhux każ ta' allegazzjoni ta' *fraudulent jew wrongful trading*

fil-konfront ta' soċjeta' kummerċjali fejn allura japplikaw prinċipji oħra. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Artijiet v. Alfred Baldacchino et.** irriteniet:

> *"Hija l-fehma ta' din il-Qorti, ladarba ġiet riskontrata l-mala fede da parti l-konvenuti, il-konsegwenza loġika kellha tkun li l-konvenut Alfred Baldacchino ma kellux jibqa' jistaħba wara l-velu tal-personalita' ġuridika distinta tas-soċjetajiet konvenuti l-oħra, li għalihom huwa kostantament deher saħansitra fuq l-imsemmi kuntratt ta' kera bejn iż-żewġ soċjetajiet konvenuti l-oħra, u dan ftit qabel ma skada ċ-ċens. [...]"*

Hekk ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2016, fl-ismijiet **Dr. Ivan Sammut nomine v. Winetailors Limited et** qalet:

> *"Illi l-personalita' ġuridika separata tal-kumpannija, ċjo s-separazzjoni netta tal-kumpannija mill-membri tagħha, titqies li hija prinċipju fundamentali tal-liġi tal-kumpanniji. Madankollu bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, kemm il-liġi Maltija u dik Ingliża li fuqha hija immudellata, kif ukoll il-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom, okkażjonalment ippermettew illi tiġi injorata l-identita' separata tal-kumpannija minn dik tal-membri tagħha, u l-azzjonist fl-aħħar mill-aħħar inżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija.*
>
> *"Illi għad li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward mhijiex daqstant estensiva, minnha joħroġ ċar illi fejn tirriżulta l-mala fede, in-nuqqas ta' imġiba korretta jekk mhux saħansitra l-frodi min-naħa tal-azzjonist li juża l-kumpannija li tkun taħt il-kontroll assolut tiegħu bħala lunga manus biex jeludi u jaħrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali li jkun daħal għalihom, dan m'għandux jitħalla jinħeba wara l-paraventu tal-kumpannija, imma għandu jinżamm*

*personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija li jkunu saru b'mala fede, imġiba skorretta jew frodi.*

*"Illi fi kliem il-Prof. Andrew Muscat*[4]*:*

*"The 'fraud or improper conduct' inroad had also featured prominently in a number of Maltese cases. Three of these merit detailed attention: Dr. José Herrera noe et vs. Tancred Tabone et noe,*[5] *Edward u Giovanni Leone Enriquez vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia et*[6] *and Nevada Limited et vs. Hubert Mifsud et.*[7] *In all three cases, the courts relying on the paramount principle of good faith, lifted the corporate veil where the corporate form was used to evade contractual obligations. …*

*"Clearly, English and Maltese courts will ignore, or look behind, the separate juridical personality of a company if it is shown that there has been fraud or improper conduct.""*

Illi fuq binarju simili fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Amici Projects Limited vs. Luti Limited et** (Numru 200/2020), din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

"46. Il-Qorti tosserva li ma jista' jkun ebda dubju illi l-aġir ta' Luca Piacenti fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti kien wieħed malizzjuż u frawdolenti, fejn għamel minn kollox biex jieħu kemm jiflaħ flus mingħand is-soċjeta' rikorrenti, u sparixxa hekk kif intebaħ li ma setax ilaħħaq max-xogħol u ma setax jirrifondi l-flejjes lura.

---

[4] Principles of Maltese Company Law, p. 330 (Malta University Press, 2007).
[5] Q.K. (26.01.1989); Vol. LXXVI.ii.321 (Qorti tal-Appell 1992); Vol. LXXX.ii.508 (Qorti tal-Appell 1996) (Ritrattazzjoni).
[6] P.A. (12.10.1989).
[7] P.A. (20.11.1998); Qorti tal-Appell (16.02.2004). Ara wkoll Joseph Chetcuti noe v. Peter Paul Camilleri (Vol.LXXXII.ii.1295) (Qorti tal-Appell).

47. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi kien hemm frodi kommess minn Luca Piacenti fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti, liema reat sar bir-rieda ta' Luca Piacenti u bi ħsara lis-soċjeta' rikorrenti u għalhekk Luca Piacenti għandu jitqies personalment responsabbli u ma jistax jistaħba wara l-velu korporattiv ta' LUTI Limited u/jew LUTI Holdings Limited."

Illi applikat dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ikkwotati għal każ odjern, anke kif jeċċepixxu l-konvenuti, il-punt kritiku f'azzjoni bħal din huwa l-fatt jekk fl-imġieba u l-azzjonijiet tagħhom il-konvenuti kienux qed jaġixxu b'*mala fede* u b'mod qarrieqi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza li diġa' saret riferenza għaliha aktar 'il fuq fil-kawża fl-ismijiet **Salvina magħrufa bħala Sylvia Bugeja vs. Albert Debono et** (Numru 1185/10) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) saħqet is-segwenti:

"Fil-kawża fl-ismijiet **Gourmet Company Limited et v. Marianno Vella** deċiża minn din il-Qorti, fid-19 ta' Novembru, 2001, ġie deċiż li:

*"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jiġi preżunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta' kontrattwali tagħhom. Min jadduċi l-kontra u jadduċi l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bażat fuq xi wieħed mill-elementi li l-liġi stess tindika bħala raġuni valida biex jiġi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, għandu jipproduċi provi univoċi, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu….."*.

L-Artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi hekk dwar egħmil doluż:

*"(1) L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta.*

> *"(2) L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

Dwar x'jikkostitwixxi dolo, l-kawża fl-ismijiet **Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et v. Avukat Dottor Anthony Farrugia et** deċiża fil-31 ta' Marzu 1967 (Kollez. Vol: LI.i.546) minn din il-Qorti (Sede Kummerċjali), ngħad:

> *"… id-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ('raġġiri') biex tiddevja r-rieda tal-ieħor billi tipprovoka żball ('errore'). Infatti, ikkonsidrat min-naħa tad-deceptor, id-dolo hu raġġir waqt li, kkonsidrat min-naħa tad-deceptus, hu żball. Il-liġi, li diġa' tikkontempla l-iżball bħala vizzju tal-kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar il-bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anki meta l-iżball ma jkunx ġuridikament suffiċjenti biex waħdu jġib għan-nullita".*

Kif jgħid il-ġurista Taljan **Giorgi** (**Teoria delle Obbligazioni**, Volume IV, Libro II, Part II, p. 46):

> *"il dolo è una forma speciale di errore avente per carattere proprio di essere cagionato dalla mala fede dell'altro contraente."*

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Lulju, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **George Portelli et v. Ivan John Felice** ingħad hekk:

> *"Illi l-liġi tgħid li l-<u>kunsens mogħti</u> bi żball jew meħud bi vjolenza jew b'<u>għamil doluż ma jkunx jiswa</u>.*
>
> *"<u>Kuntratt magħmul minn xi parti b'kunsens hekk mogħti ma jkunx jiswa</u> lanqas, għaliex il-kunsens huwa wieħed mill-erba' ħtiġiet ewlenin ta' kull kuntratt li jiswa.*

*… Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar issiwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali meżżi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. (Caruana Galizia Notes on Civil Law – Obligations, pag. 272).*

*"Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir eżaġerat dwar xi kwalita' tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni (P.A. 4.2.1965 fil-kawża fl-ismijiet Mifsud noe vs. Tanti (Kollez. Vol: XLIX.ii.722).*

*…*

*"Illi peress li l-għamil doluż ma jistax ikun preżunt, fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piż tal-prova ta' fatt bhal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din (P.A. 16.6.1955 fil-kawża fl-ismijiet Barbara vs. Schembri (Kollez. Vol: XXXIX.ii.699).*

*…*

*"Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikulta' żejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'każ bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq (P.A. TM 4.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet P.L. Joseph Zammit noe et vs. Joseph Fenech et).*

*…*

> *"Fl-istess sens fil-kawża "Cassar Torregiani v. Manche" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali fis-17 ta' Marzu 1958 (Vol.XLIIA. i.126) ingħad illi fil-każi ta' din ix-xorta l-inganni jridu jkunu ta' natura li jistgħu jagħmlu impressjoni fuq bniedem sensat, u tali li jeċċedu l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju; għalhekk wieħed ma jistax, fil-konsiderazzjoni tagħhom, jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet; u fil-valutazzjoni tagħhom huwa meħtieġ li wieħed jara ċ-ċirkustanzi kollha li fihom ġie konkluż in-negozju. Mill-banda l-oħra sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru sens, jew frodi, is-sempliċi tifħir tal-oġġett u l-eżaġerazzjoni tal-valur tiegħu, waħedhom, ordinarjament mhumiex ħlief is-solita xorta ta' inkoraġġiment li fin-negozju huwa tollerat bħala "dolus bonus" biex dak li jkun jkompli jsaħħaħ il-volonta' tal-parti l-oħra biex tikkonkludi l-ftehim. Iżda l-Qorti kompliet li huwa veru li l-kumpratur seta' jagħmel l-indaġnijiet opportuni biex jitkixxef jekk dak li jkun qallu l-venditur kienx minnu; imma jekk iċ-ċirkustanzi huma tali li x-xerrej ma kellux raġunijiet biex jiddubita mill-assikurazzjonijiet tal-venditur, l-ingann jibqa' li kien il-kawża determinanti tal-kuntratt, u kwindi huwa motiv ta' annullament."* (sottolinjar ta' din il-Qorti).""

Illi fir-rigward ta' din it-talba l-konvenuti jeċċepixxu s-segwenti:

- huma jirrespingu l-allegazzjonijiet ta' qerq u *mala fede* u jisħqu dejjem aġixxew fil-parametri tal-liġi;
- il-bank qatt ma impona xi obbligi dwar it-trasferiment ta' dawn il-kumpaniji;
- irid jiġi ppruvat li kien hemm aġir frawdolenti; u
- irid jkun hemm prova li l-garanziji mogħtija, inkluż dawk fuq is-sebgħa u erbgħin (47) bastiment, m'humiex biżżejjed.

Illi l-Qorti tinnota li ftit wara li nfetħu l-proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra saru numru ta' trasferimenti ta' ishma minn kumpaniji sussidjarji ta' Palmali Holding Company Limited għal kumpanija Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi (Dok. "B1" sa "B8" – *a fol.* 44 *et seq.*).[8] Dawn kienu s-segwenti Armada Holding Two Company Limited, Pal Bulk Holding Company Limited, Pal Tanker Holding Company Limited, Palmali Dry Cargo Holding Company Limited, Palmali Voyager Holding Company Limited, Pal Holding Company Limited, IGM Holding Company Limited, u Marine Holding Company Limited.

lli dwar dawn il-kumpaniji appena msemmija, il-Qorti tinnota li huma kollha *holding companies*. Mill-kontijiet tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited (*a fol.* 126 *et seq.* ta' Dok. "NH 1" (Vol. I)) jirriżulta li fis-sena 2014 il-bastimenti li kien hemm fil-grupp kienu stmati b'valur ta' US$932,588,328 (*a fol.* 159 ta' Dok. "NH 1" (Vol. I)). Il-valur kollu tal-assi tal-kumpanija fis-sena 2014 kien dikjarat fl-ammont ta' US$1,741,372,966 (*a fol.* 136 ta' Dok. "NH 1" (Vol. I)) żieda ta' aktar minn 300 miljun dollaru Amerikan mis-sena ta' qabel. Fis-sena 2014 id-djun globali tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited bħala *holding company* kien dak ta' US$1,377,889,044 (*a fol.* 136 *tergo* ta' Dok. "NH 1" (Vol. I)). Minkejja i l-ammont ta' *liabilities* tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited kienu konsiderevoli, dan xorta kellu jħalli attiv konsiderevoli. Minbarra dan jirriżulta li fis-sena 2014 il-kumpanija Palmali Holding Company Limited għamlet qligħ wara t-taxxi ta' US$19,308,178 (*a fol.* 135 ta' Dok. "NH 1" (Vol. I)).

Illi mid-dikjarazzjoni li saret minn Aysan Erdem fil-25 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 742 *et seq.* ta' Dok. "NH 1" (Vol. II)) jirriżulta li s-soċjeta' Palmali Holding Company Limited ma kellhiex finanzi li b'mod kumulattiv kienu jaqbżu s-somma ta' US$100,000. Dwar il-flus li trid tiġbor is-soċjeta' Palmali Holding Company Limited, Aysan Erdem jgħid is-segwenti:

[8] *A fol.* 126 *et seq.* ta' Dok. "NH 1" (Vol. I).

> "However, I do not believe that any of the debtors have the funds or assets available to repay the receivables due to Palmali if such a demand is made."[9]

Illi dwar il-valur tal-ishma li kienu tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited, Erdem jispjega s-segwenti:

> "In the light of my work, I can confirm and verify that none of the shareholding in the subsidiaries has a net asset value of or exceeding US$100,000."[10]

Illi fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2020, Mubariz Mansimov jgħid is-segwenti dwar il-kumpanija Palmali Holding Company Limited:

> "I am aware that in reality, none of the shares owned by Palmali are in excess of US$100,000 and so strictly speaking they do not need to be disclosed pursuant to the terms of the Order but in view of the allegations made by Sberbank's solicitor, Mr Burn in his affidavit that there is a risk that Palmali will dissipate its assets, I have set out the above information to show that in truth, there are no assets to dissipate."[11]

Illi tenut kont ta' dan isegwi li l-assi tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited ġew trasferiti b'xi mod jew ieħor. Fil-fehma tal-Qorti, l-uniċi trasferimenti li jirriżultaw mill-atti kienu t-trasferimenti tal-ishma li saru fis-sena 2018 u mir-rendikont finanzjarju tas-sena 2014 (*a fol.* 126 *et seq.* ta' Dok. "NH 1" (Vol. I)) jirriżulta li tal-anqas il-kumpaniji li l-ishma tagħhom ġew trasferiti kellhom numru ta' bastimenti bħala assi tagħhom (*a fol.* 143 ta' Dok. "NH 1" (Vol. I). Għaldaqstant it-trasferiment tal-ishma indikati li seħħew f'April 2018 kienu fil-fatt qed jittrasferixxu l-maġġor parti tal-assi tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited!

---

[9] *A fol.* 743 *tergo* ta' Dok. "NH 1" (Vol. II).
[10] *A fol.* 743 ta' Dok. "NH 1" (Vol. II).
[11] *A fol.* 741 ta' Dok. "NH 1" (Vol. II).

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ħażen u l-qerq tat-tranżazzjonijiet appena msemmija joħroġ aktar ċar meta jitqies li fuq il-karta l-kumpanija Palmali Holding Company Limited tħalliet b'somma kbira ta' flus li kellha tiġbor filwaqt li fil-verita' dawk il-krediti ma kienux realizzabbli u b'hekk il-kumpanija in kwistjoni tħalliet bla assi effettivi sabiex tilqa' għad-djun tagħha. Dan ġara fl-istess ħin meta l-assi realizzabbli ta' Palmali Holding Company Limited ġew trasferiti fil-kumpanija Palmali Holding A.S. kumpanija nkorporata fit-Turkija u s-sussidjarji diretti u indiretti tagħha u b'mod partikolari s-soċjeta' Gunesli. Il-Qorti tinnota li minn dan l-aġir tirriżulta l-*mala fede* tal-konvenut Mansimov!

Illi l-konvenuti jeċċepixxu li huma kellhom kull jedd jagħmlu t-trasferimenti li għamlu u dana minħabba li l-bank attur qatt ma nnegozja limitazzjonijiet f'dan ir-rigward. Il-Qorti tinnota li minkejja li ma kienx hemm limitazzjonijiet fuq it-trasferiment tal-assi in kwistjoni, wieħed kien jippretendi li l-bejgħ ta' l-assi kellu jwassal għal xi forma ta' dħul għal kumpanija Palmali Holding Company Limited li tal anqas kellu jkun viċin il-valur tal-assi trasferiti. Iżda mill-provi, b'mod partikolari mill-istess dikjarazzjonijiet tal-konvenut Mansimov, jirriżulta li mhux talli ma kien hemm l-ebda dħul, talli l-kumpanija Palmali Holding Company Limited illum ma għandha l-ebda assi!

Illi xhieda ulterjuri ta' l-aġir hawn fuq imsemmi huwa l-fatt li l-kumpanija Palmali Gemicilik ġiet trasferita għal miljun waqt li ċirka tliet snin qabel din kellha valutazzjoni ta' sbatax (17)-il darba superjuri. Daqs li kieku dan ma kienx biżżejjed, dan il-miljun ġie paċut konvenjentement kontra self li allegatament kien sar mill-konvenut Mansimov lill-istess Palmali Holding Company Limited preċedentement. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni in kwistjoni hija merament frivola u vessatorja stante li hija biss paraventu sabiex il-konvenuti jippruvaw jgħattu għat-trasferiment mingħajr kumpens adegwat tal-assi tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited.

Illi l-konvenuti jeċċepixxu wkoll li wieħed irid jara li l-garanziji li ngħataw lill-bank inkluż il-garanzija fuq sebgħa u erbgħin (47) bastiment ma jkoprux id-dejn in kwistjoni. Il-Qorti tinnota li

f'paragrafu 92 (*a fol.* 318 *tergo*) ta' l-affidavit ta' l-Avukat Nadezhda Hubbuck jirriżulta li minkejja li nbiegħu s-sebgħa u erbgħin (47) bastiment li kienu ngħataw b'garanzija, dawn ma kienux suffiċjenti sabiex mir-rikavat ta' dan il-bejgħ jitħallsu d-djun akkumulati mal-bank attur. Minbarra dan, in vista wkoll tad-dikjarazzjoni magħmula minn Aysan Erdem fil-25 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 742 *et seq.* ta' Dok. "NH 1" (Vol. II)) qajla wieħed jista' jgħid li l-garanziji mogħtija huma suffiċjenti sabiex jitħallsu d-djun in kwistjoni. Filwaqt li ġie ppruvat mill-fatti li l-bastimenti mogħtija in garanzija ma kienux biżżejjed sabiex jitħallsu d-djun, daqstant ieħor hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-assi ta' Palmali Holding Company Limited ma humiex biżżejjed sabiex ikopru d-djun li huma pendenti!

<u>Illi stabbilit dan, in vista tan-natura tat-talba in eżami jibqa' li jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti min ibbenefika minn din it-tranżazzjoni</u>. F'dan ir-rigward il-konvenuti kollha jeċċepixxu li dwar dan il-punt trid titressaq prova ta' kif huma jew min minnhom ibbenefikaw minn din it-tranżazzjoni. Il-Qorti tinnota mingħajr l-ebda dubju u mingħajr l-ebda diffikulta' li żgur li bbenefika l-istess Mansimov stante li darba li l-kumpanija li kienet qed tiggarantixxi d-dejn sfat bla assi allura huwa kien jaħrab milli jħallas tali dejn billi ħa ħsieb li dawn l-assi jiġu trasferiti ġo struttura ta' kumpaniji li kienet protetta mit-talbiet tal-bank attur. Minbarra dan stante li t-trasferimenti saru lis-soċjeta' Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi din ibbenefikat ukoll għax ovvjament kabbret l-assi tagħha. Jirriżulta wkoll minn paragrafu 75 (*a fol.* 316 *tergo*) ta' l-affidavit ta' l-Avukat Nadezhda Hubbuck li s-soċjeta' Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi llum hija tal-kumpanija Palmali Holding Anonim Sirketi u konsegwentement din wkoll ibbenefikat minn din it-tranżazzjoni. Minbarra dan ibbenefikaw ukoll minn din it-tranżazzjoni l-kumpaniji li ġew trasferiti stante li l-għan ta' din it-tranżazzjoni kienet li jiġu salvagwardjati l-assi tagħhom u konsegwentement minn din it-tranżazzjoni bbenefikaw il-kumpaniji: Armada Holding Two Company Limited, Pal Bulk Holding Company Limited, Pal Tanker Holding Company Limited, Palmali Dry Cargo Holding Company Limited, Palmali Voyager

Holding Company Limited, Pal Holding Company Limited, IGM Holding Company Limited, u Marine Holding Company Limited.[12]

Illi dwar il-kumpaniji Palriver Shipping Limited, Palocean Shipping Limited u Palsea Shipping Limited dawn kienu ko-parteċipi minħabba li l-assi ġew trasferiti minn għandhom għal fuq is-soċjeta' Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi u konsegwentement kompliċi ta' l-istess att qarrieqi u għalhekk responsabbli bl-istess mod għalih.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq u meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fid-diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li ġew ikkwotati aktar 'il fuq, jirriżulta li l-aġir tal-konvenuti ndikati aktar 'il fuq sar bl-intenzjoni evidenti li jiddefrawda l-kredituri tiegħu senjatament f'dan il-każ lill-bank attur u l-istess konvenuti ma jistgħux jitħallew igawdu mit-turpitudini tagħhom b'dana illi għalhekk **ma għandhomx** igawdu mill-prinċipji legali li jsawru l-kunċett tal-personalita' ġuridika distinta ta' bejniethom.

Illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-kumpaniji konvenuti l-oħra bbenefikaw jew kellhom rwol f'din it-tranżazzjoni b'dana illi l-Qorti:

- filwaqt li ser tilqa' d-disa' (9) eċċezzjoni tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited,

- ser tilqa' wkoll it-tmien (8) eċċezzjoni tal-kumpaniji Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited u

- ser tilqa' l-ewwel (1) talba tal-bank attur fil-konfront tal-konvenuti kollha għajr għal Palmali Holding Company Limited, Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited.

[12] *Afol.* 126 *et seq.* ta' Dok. "NH 1" (Vol. I).

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**

**<u>(Tordna li l-ammont stabbilit mill-Qorti flimkien mal-imgħaxijiet relattivi għandha titħallas mill-konvenuti kollha eskluż mis-soċjeta' Palmali Holding Company Limited)</u>:**

Illi l-Qorti tinnota li fl-affidavit ulterjuri tagħha (*a fol.* 7 tal-affidavit li jinsab *a fol.* 367A) l-Avukat Nadezhda Hubbuck tgħid li l-ammont dovut lill-bank attur huwa dak ta' US$205,191,204.23. Il-Qorti żżid tgħid li fin-Nota ppreżentata mill-bank attur fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 385) jingħad li kienet qed issir riferenza għat-tieni affidavit ta' Nadezhda Hubbuck *"minn fejn jirriżulta illi l-pretensjonijiet tal-bank attur kif kanonizzati permezz tal-ewwel u t-tieni lodo arbitrali jekwivalu għas-somma ta' US$205,190,207.52 kif jirriżulta aħjar mit-tieni affidavit."* Fl-istess Nota l-ammont ġie ridott għas-somma ta' US$10,000,000 f'liema Nota l-bank attur jgħid ukoll li ma kienx qed jirrinunzja għad-drittijiet l-oħra tiegħu.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-bank attur ipprova s-self in kwistjoni u l-ammont dovut lilu mentri l-konvenuti, minkejja li kellhom kull opportunita' biex ixejjnu dan l-ammont, naqsu milli jippreżentaw l-iċken prova bil-kontra. B'hekk isegwi li l-Qorti ser tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tal-bank attur fis-sens illi (tenut kont tan-Nota hawn fuq imsemmija u li ġiet ippreżentata mill-bank attur fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2022 – *a fol.* 385) l-ammont ta' US$10,000,000 stabbilit a tenur tal-ewwel (1) talba flimkien mal-imgħaxijiet relattivi għandu jitħallas *in solidum* bejn il-konvenuti kollha għajr għas-soċjetajiet Palmali Holding Company Limited, Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**

**(<u>Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti kollha jew min minnhom ikkawża danni lill-bank attur u filwaqt li tillikwida tali danni, tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu d-danni likwidati)</u>:**

Illi f'din it-talba l-bank attur jitlob dikjarazzjoni li ġew ikkawżati lilu danni u jitlob ukoll li tali danni jiġu likwidati u li l-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati.

Illi fis-sottomissjonijiet finali li saru għan-nom tal-bank attur (*a fol.* 411 *et seq.*) il-Qorti tinnota li ġie sottomess hekk: *"fit-tielet talba tlabna dikjarazzjoni ta' responsabilita' għad-danni u likwidazzjoni ta' danni, pero' jekk il-Qorti, jekk ikun hemm eżitu favorevoli fuq l-ewwel żewġ talbiet, ovvjament it-tielet talba għal likwidazzjoni ta' danni ssir superfluwa"* (*a fol.* 422). Il-Qorti ma għandha xejn aktar x'iżżid ma' dan peress li dak li ngħad jitkellem waħdu u b'hekk il-Qorti ser tiċħad it-tielet (3) talba tal-bank attur.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tinnota li b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 252 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet l-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti kollha u ċaħdet ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Gunesli Deniz Tasimaciligi Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi

taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' d-disa' (9) eċċezzjoni tal-kumpanija Palmali Holding Company Limited;

2. Tilqa' it-tmien (8) eċċezzjoni tal-kumpaniji Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited;

3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

4. Tilqa' l-ewwel (1) talba tal-bank attur u tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti kollha għajr għal Palmali Holding Company Limited, Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited kien wieħed abbużiv, illeċitu, in *mala fede* u qarrieqi u li minnu, direttament jew indirettament ibbenefikaw wħud mill-konvenuti u li tali abbuż

u/jew komparteċipazzjoni fl-istess sar a dannu tal-bank attur u konsegwentement il-konvenuti għajr għal dawk imsemmija aktar 'il fuq huma solidament, direttament responsabbli versu l-bank attur għal kull ammont dovut jew li jiġi determinat li huwa dovut lilu minn Palmali Holding Company Limited *ai termini* tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali assunti minn Palmali Holding Company Limited fil-konfront tal-istess bank attur u dan għaliex jeżistu fil-liġi l-estremitajiet għall-eċċezzjoni lill-prinċipju ta' personalita' ġuridika distinta in kwantu tali prinċipju ġie manifestament abbużat;

5. Tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tal-bank attur u tordna konsegwentment li l-ammont ta' għaxar miljun dollaru Amerikan (US$10,000,000) jew ammont ekwivalenti f'Euro stabbilit a tenur tal-ewwel (1) talba flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv għandhom jitħallsu lill-bank attur *in solidum* bejn il-konvenuti kollha għajr għal Palmali Holding Company Limited, Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited;

6. Tiċħad it-tielet (3) talba tal-bank attur.

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura hekk kif mitlub fir-Rikors Maħluf (eskluż dik li diġa' kien hemm deċiżjoni dwarha) għandhom jitħallsu *in solidum* mill-konvenuti kollha għajr għal Palmali Holding Company Limited, Palmali International Holding Company Limited, Palmali International Holding Two Company Limited u Palmali Logistics Company Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**